Tas-Sliema	*Shop Nos 65 and 66, Triq San Duminku, in part and in part transfer of property 59004469*	*Portanier Conrad*	
Tas-Sliema	Porzjon art tal-kejl ta’ 6.82m.k	Gvern ta’ Malta	LRA3464/2026
Tas-Sliema	*Portion of land covering area of 6.82s.m*	*Government of Malta*	
Tas-Sliema	Porzjon art tal-kejl ta’ 33.79m.k	Gvern ta’ Malta	LRA3465/2026
Tas-Sliema	*Portion of land covering area of 33.79s.m*	*Government of Malta*	
Tas-Sliema	Utile Dominju Temporanju Appartament Nru 6, Blokk ‘Cosat del Mar’, u Garaxx Nru 11, ‘Costa Del Mar Garage Complex’, Ix-Xatt ta’ Qui-Si-Sana, u transferiment parzjali ta’ proprjetà 59004418	Abela Jonathan et	LRA3530/2026
Tas-Sliema	*Temporary Utile Dominium Apartment No. 6, Block ‘Cosat del Mar’, and Garage No. 11, ‘Costa Del Mar Garage Complex’, Ix-Xatt ta’ Qui-Si-Sana, and part transfer of property 59004418*	*Abela Jonathan et*	
Tas-Sliema	Korrezzjoni ta’ LRA1836/2025 – Proprjetà 59004473 tal-applikazzjoni	Adplanalp Christoph Simon et	LRA3545/2026
Tas-Sliema	*Correction of LRA1836/2026 – Property 59004473 of application*	*Adplanalp Christoph Simon et*	
Is-Swieqi	Mezzanin Nru 19 u Garaxx Nru 21, Trejqa Albert M. Cassola	Gvern ta’ Malta	LRA3352/2026
Swieqi	*Maisonette No. 19 and Garage No. 21, Trejqa Albert M. Cassola*	*Government of Malta*	
Il-Belt Valletta	Fond Nru 11, Triq it-Tramuntana	Gvern ta’ Malta	LRA3354/2026
Valletta	*Premises No. 11, Triq it-Tramuntana*	*Government of Malta*	
Il-Belt Valletta	Appartament Nru 3, Blokk Nru 104, Triq Żekka	Camilleri John et	LRA3473/2026
Valletta	*Apartment No. 3, Block No. 104, Triq Żekka*	*Camilleri John et*	
Il-Belt Valletta	Korrezzjoni fuq LRA 5155/2025 tal-pjanti rilevanti	Schembri Matthew et	LRA3587/2026
Valletta	*Correction of LRA 5155/2025 of relevant plans*	*Schembri Matthew et*	
Il-Belt Valletta	Ħanut Nru 151, Triq l-Ifran	Gvern ta’ Malta	LRA3597/2026
Valletta	*Shop No. 151, Triq l-Ifran*	*Government of Malta*	
Il-Belt Valletta	Korrezzjoni ta’ proprjetà 01000883 – LRA 162/2003 tal-pjanti rilevanti	Gvern ta’ Malta	LRA3606/2026
Valletta	*Correction of property 01000883 – LRA 162/2003 of relevant plans*	*Government of Malta*	
Iż-Żejtun	Korrezzjoni fuq proprjetà 10001390 tal-pjanti rilevanti	VACF Plasterers Limited et	LRA3551/2026

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*
Żejtun	*Correction of property 10001390 of relevant plans*	*VACF Plasterers Limited et*	
Iż-Żejtun	Utile Dominju Perpetwu Fondi Nri 36 u 38, Triq Dun Lawrenz Degabriele	Ciaramita Astrid et	LRA3578/2026
Żejtun	*Perpetual Utile Dominium Premises Nos 36 and 38, Triq Dun Lawrenz Degabriele*	*Ciaramita Astrid et*	
Iż-Żejtun	1/2 indiviż Fond Nru 5, 'Carmen', u Garaxx, Trejqet widnet il-Baħar	Caruana Carmen	LRA3608/2026
Żejtun	*1/2 undivided share Premises No. 5, 'Carmen', and Garage, Trejqet widnet il-Baħar*	*Caruana Carmen*	
Iż-Żurrieq	Utile Dominju Temporanju Fond Nru 24, 'Tretine', u Garaxx Nru 22, Triq Fortunat Dalli, in parti u in parti transferiment ta' proprjetà 67002348	Role Christopher et	LRA3581/2026
Żurrieq	*Temporary Utile Dominium Premises No. 24, 'Tretine', and Garage No. 22, Triq Fortunat Dalli, in part and in part transfer of property 67002348*	*Role Christopher et*	

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. (ħinijiet tax-xitwa) u bejn it-8.00 a.m. u l-11.30 a.m. (ħinijiet tas-sajf).

Dott. Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

L-14 ta' Lulju, 2026

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

14th July, 2026

Nru. 1056

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 1056

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
14.7.2026	€115.453	€1.674

L-14 ta' Lulju, 2026

14th July, 2026

Nru. 1057

AĠENZIJA DWAR L-ENERĠIJA U L-ILMA

Il-Promozzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija fl-Iskema tal-Intrapriżi – Skema A: Applikazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 – ir-Regolament *de minimis*

SABIEX tkompli tinkoraġġixxi l-aħjar użu tar-riżorsi fi ħdan l-Intrapriżi kif ukoll biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ta’ sostenibbiltà, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma qed tamministra l-iskema li ġejja ffinanzjata fuq livell nazzjonali li għandha l-għan li tippromwovi l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija fi ħdan l-Intrapriżi (minn hawn ’il quddiem imsejħa l-“Iskema”).

1. Deskrizzjoni tal-Iskema

Permezz ta’ din l-Iskema, l-Intrapriżi li jikkwalifikaw jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju sabiex issir l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa minn awditur tal-enerġija ċċertifikat. Permezz tal-istima, se jiġu identifikati opportunitajiet u investimenti għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u fl-ilma għal dawn l-intrapriżi.

Għajnuna m’għandhiex tingħata għall-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa biex jikkonformaw mad-Direttiva (UE) 2023/1791 dwar l-effiċjenza fl-enerġija u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni), sakemm l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija tkun saret flimkien mal-awditu tal-enerġija obbligatorju skont dik id-Direttiva.

L-intrapriżi għandhom japplikaw permezz tal-Formola ta’ Applikazzjoni Ġenerali uffiċjali, li tinstab fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Wara s-sottomissjoni tal-Formola ta’ Applikazzjoni Ġenerali u skont il-konsum medju annwali tal-enerġija tal-applikant, u l-kriterji ta’ eliġibbiltà applikabbli, l-applikanti jistgħu jiġu diretti biex japplikaw taħt din l-Iskema, taħt l-Iskema B irregolata min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1058 tal-2026, jew taħt l-Iskema Ċ irregolata min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1059 tal-2026. Wara li jiġi sottomess tagħrif addizzjonali u wara li l-applikazzjoni titqies konformi taħt din l-Iskema, tinħareġ Ittra ta’ Intenzjoni li tippermetti lill-intrapriża twettaq l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija.

L-istima għandha titwettaq minn awditur tal-enerġija ċċertifikat magħżul mil-lista uffiċjali ta’ awdituri tal-enerġija ppubblikata fuq is-sit web tar-Regolatur għas-Sorsi tal-Enerġija u tal-Ilma (REWS). L-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema. Ir-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandu jiġi ppreżentat lill-Aġenzija fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-Ittra ta’ Intenzjoni, dment

No. 1057

ENERGY AND WATER AGENCY

Promotion of Energy Performance Assessment in Enterprises Scheme – Scheme A: Applications under Commission Regulation (EU) 2023/2831 – the *de minimis* Regulation

IN order to further encourage the better use of resources within Enterprises and also to reach the national sustainability targets, the Energy and Water Agency is administering the following national funded scheme which aims to Promote Energy Performance Assessment within Enterprises (hereinafter referred to as the “Scheme”).

1. Scheme Description

Through this Scheme, qualifying Enterprises may benefit from financial support in order to have an Energy Performance Assessment carried out by a certified energy auditor. Through the assessment, energy and water efficiency improvement opportunities and investments will be identified for these enterprises.

Aid shall not be granted for Energy Performance Assessments carried out to comply with Directive (EU) 2023/1791 on energy efficiency and amending Regulation (EU) 2023/955 (recast), unless the Energy Performance Assessment is carried out in addition to the mandatory energy audit under that Directive.

Enterprises are to apply on the official General Application Form, which can be found on the Energy and Water Agency website. Following submission of the General Application Form and depending on the applicant’s average annual energy consumption, and applicable eligibility criteria, applicants may be directed to apply under this Scheme, Scheme B governed by Government Notice No. 1058 of 2026, or Scheme C governed by Government Notice No. 1059 of 2026. After submitting additional information and having been deemed compliant under this Scheme, a Letter of Intent will be issued allowing the enterprise to perform an Energy Performance Assessment.

The assessment shall be carried out by a certified energy auditor chosen from the official list of energy auditors published on the website of the Regulator for Energy and Water Sources (REWS). The Energy Performance Assessment shall comply with the minimum requirements established in the Scheme Guidelines. The Energy Performance Assessment Report is to be presented to the Agency within six (6) months from the date of the Letter li l-Aġenzija tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti estensjoni għal dan il-perjodu fuq talba mill-intrapriża, liema talba għandha tindika b'mod ċar ir-raġuni u l-ġustifikazzjoni għat-talba għal tali estensjoni.

Ladarba r-rapport ikun lest u sottomess lill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, din tal-aħħar se tiżgura li r-rapport jissodisfa r-rekwiżiti minimi kif dettaljati fil-Linji Gwida tal-Iskema. Wara l-verifika tar-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija, l-intrapriża mbagħad tirċievi pagament għall-eżerċizzju abbażi tal-irċevuta fiskali oriġinali mibgħuta lill-Aġenzija li tindika l-ispiża attwali tal-istima u r-rapport. L-ammont effettivament irrimborżat għandu jkun soġġett għal-limitu massimu stabbilit f'Taqsima 4.

2. Definizzjonijiet

Aġenzija – Referenza għall-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, inkluż kwalunkwe uffiċjal, rappreżentant, kumitat, jew persuna oħra debitament awtorizzata biex taġixxi f'isimha għall-finijiet tal-amministrazzjoni ta' din l-Iskema.

Applikant – L-Intrapriża li tissottometti applikazzjoni taħt din l-Iskema jew, fejn applikabbli, l-intrapriża prinċipali, kontrollanti, jew awtorizzata li tissottometti l-applikazzjoni f'isem dik l-Intrapriża, soġġett għas-sodisfazzjon tal-Aġenzija li tali persuna hija debitament awtorizzata biex tagħmel hekk.

Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat – Persuna inkluża fil-lista uffiċjali ppubblikata fuq is-sit web tar-REWS li tikkonferma li l-awditur attenda taħriġ f'konformità mal-ISO 50002.

Intrapriża – Kwalunkwe persuna ġuridika jew naturali, inkluża kwalunkwe soċjetà kummerċjali u kwalunkwe soċjetà ċivili, li hija involuta f'attività ekonomika jew teżerċita atti kummerċjali.

Stima tar-Rendiment tal-Enerġija – Proċedura sistematika bil-għan li jinkiseb għarfien adegwat tal-profil eżistenti tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma ta' bini jew grupp ta' binjiet, operazzjoni jew installazzjoni industrijali jew kummerċjali jew servizz privat jew pubbliku, li jidentifika u jikkwantifika opportunitajiet kosteffettivi għall-iffrankar tal-enerġija u/jew tal-ilma, u jirrapporta s-sejbiet. Għall-finijiet ta' din l-Iskema, ir-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema.

Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija – Rapport bil-miktub imħejji minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat wara Stima tar-Rendiment tal-Enerġija u sottomess lill-Aġenzija għall-verifika, liema rapport għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema u din l-Iskeda.

of Intent, provided that the Agency may, at its discretion, grant an extension to this period upon request from the enterprise, which request shall clearly lay down the reason and justification for requesting such extension.

Once the report is completed and submitted to the Energy and Water Agency, the latter will ensure that the report meets the minimum requirements as detailed in the Scheme Guidelines. Following the verification of the Energy Performance Assessment Report, the enterprise will then receive payment for the exercise based on the original fiscal receipt forwarded to the Agency indicating the actual cost of the assessment and report. The amount effectively refunded shall be subject to the capping laid down in Section 4.

2. Definitions

Agency – means the Energy and Water Agency, including any officer, representative, committee, or other person duly authorised to act on its behalf for the purposes of administering this Scheme.

Applicant – means the Enterprise submitting an application under this Scheme or, where applicable, the parent, controlling, or authorised enterprise submitting the application on behalf of that Enterprise, subject to the Agency's satisfaction that such person is duly authorised to do so.

Certified Energy Auditor - A Certified Energy Auditor is a person included in the official list published on the website of REWS confirming that the auditor has attended training in line with ISO 50002.

Enterprise – An Enterprise means any legal or natural person, including any commercial partnership and any civil partnership, that is engaged in an economic activity or exercises acts of trade.

Energy Performance Assessment - An Energy Performance Assessment is a systematic procedure with the purpose of obtaining adequate knowledge of the existing energy and water consumption profile of a building or group of buildings, an industrial or commercial operation or installation or a private or public service, identifying and quantifying cost-effective energy and/or water savings opportunities, and reporting the findings. For the purpose of this Scheme the Energy Performance Assessment Report shall comply with the minimum requirements established in the Scheme Guidelines;

Energy Performance Assessment Report – means the written report prepared by a Certified Energy Auditor following an Energy Performance Assessment and submitted to the Agency for verification, which report shall comply with the minimum requirements set out in the Scheme Guidelines and this Schedule.

Ittra ta' Intenzjoni – Il-komunikazzjoni bil-miktub maħruġa mill-Aġenzija li tikkonferma li applikazzjoni tista' tipproċedi għall-istadju tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija, dejjem soġġetta għall-kundizzjonijiet ta' din l-Iskema, il-Linji Gwida tal-Iskema, ir-Regolament *de minimis*, u kwalunkwe kundizzjoni msemmija f'dik il-komunikazzjoni.

Linji Gwida tal-Iskema – Id-dokument komplimentari uffiċjali maħruġ biex jipprovdi informazzjoni u gwida ddettaljata lill-applikanti matul l-istadji tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Iskema. L-informazzjoni li tinsab fil-Linji Gwida tal-Iskema tista' tiġi riveduta perjodikament biex tirrifletti aġġornamenti, kjarifiki, jew titjib fl-Iskema. L-aħħar verżjoni tal-Linji Gwida tal-Iskema għandha f'kull ħin tkun disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. L-applikanti u l-benefiċjarji għandhom jikkonformaw mal-verżjoni tal-Linji Gwida tal-Iskema applikabbli fl-istadju rilevanti tal-applikazzjoni, l-istima, ir-rappurtaġġ, jew il-proċess ta' pagament, kif determinat mill-Aġenzija.

Skema B – L-iskema rregolata mir-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija kif stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1058 tal-2026. Taħt din l-iskema, applikant jiġi mogħti għotja li mhix ripagabbli u tkopri l-ispiża eleġibbli mġarrba mill-benefiċjarju għall-preparazzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat.

Skema Ċ – L-iskema rregolata mir-Regolament *de minimis* stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1059 tal-2026. Taħt din l-iskema, applikant jiġi mogħti servizz b'xejn fil-forma ta' żjara/żjarat fis-sit u konsultazzjoni/jiet minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat.

Impriża Unika – Referenza għall-intrapriżi kollha li jkollhom mill-inqas waħda (1) mir-relazzjonijiet li ġejjin ma' xulxin:

i. intrapriża waħda għandha maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

ii. intrapriża waħda għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' intrapriża oħra;

iii. intrapriża waħda għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt konkluż ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha;

iv. intrapriża waħda, li hija azzjonista fi jew membru ta' intrapriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħrajn fi jew membri ta' dik l-intrapriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

Letter of Intent – means the written communication issued by the Agency confirming that an application may proceed to the Energy Performance Assessment stage, subject always to the terms of this Scheme, the Scheme Guidelines, the *de minimis* Regulation, and any conditions stated in that communication.

Scheme Guidelines – Scheme Guidelines means the official complementary document issued to provide detailed information and guidance to applicants during the application and implementation stages of the Scheme. The information contained in the Scheme Guidelines may be revised periodically, to reflect updates, clarifications, or improvements to the Scheme. The most recent version of the Scheme Guidelines shall at all times be made available on the website of the Energy and Water Agency. Applicants and beneficiaries shall comply with the version of the Scheme Guidelines applicable at the relevant stage of the application, assessment, reporting, or payment process, as determined by the Agency.

Scheme B – means the scheme governed by the General Block Exemption Regulation as established by Government Notice No. 1058 of 2026. Under this scheme, an applicant is awarded a non-repayable grant covering the eligible cost incurred by the beneficiary for the preparation of an Energy Performance Assessment carried out by a Certified Energy Auditor;

Scheme C – means the scheme governed by the *de minimis* Regulation established by Government Notice No. 1059 of 2026. Under this scheme, an applicant is awarded a free service in the form of walk-in site visit/s and consultation/s from a Certified Energy Auditor;

Single Undertaking - means all enterprises having at least one (1) of the following relationships with each other:

i. one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise;

ii. one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

iii. one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered into with that enterprise or to a provision in its memorandum or articles of association;

iv. one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

L-intrapriżi li jkollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (i) sa (iv) tal-ewwel subparagrafu permezz ta' intrapriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu wkoll bħala impriża unika.

Din id-definizzjoni hija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*, li jindika wkoll li grupp ta' intrapriżi marbuta jitqies bħala impriża unika għall-applikazzjoni tar-regola *de minimis*, iżda dawk l-intrapriżi li m'għandhom l-ebda relazzjoni ma' xulxin, ħlief għall-fatt li kull waħda minnhom għandha rabta diretta mal-istess korpi pubbliċi, m'għandhomx jiġu trattati daqslikieku huma marbuta ma' xulxin. Għalhekk, is-sitwazzjoni speċifika tal-intrapriżi kkontrollati mill-istess korpi pubbliċi, li fihom l-intrapriżi jista' jkollhom setgħa indipendenti ta' deċiżjoni, għandha tittieħed inkonsiderazzjoni.

Il-Konsum Totali Annwali tal-Enerġija – għandu jfisser il-kwantità totali ta' enerġija kkunsmata mill-impriża matul it-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha f'sena partikolari, inklużi, mingħajr limitazzjoni, il-fuels ikkunsmati għal finijiet ta' trasport. Il-Konsum Totali Annwali tal-Enerġija għandu jiġi kkalkulat bħala l-aggregat ta' dawn li ġejjin:

i. Il-Konsum tal-Elettriku tal-intrapriża;
ii. Il-Konsum tal-Fuel tal-intrapriża;

Aktar dettalji dwar l-ambitu u l-interpretazzjoni ta' kull wieħed mill-komponenti t'hawn fuq huma stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema.

3. Benefiċjarji

Il-benefiċjarji maħsuba tal-Promozzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija fl-Iskema tal-Intrapriżi – Skema A huma intrapriżi li għandhom konsum medju annwali tal-enerġija fuq it-tliet snin preċedenti, meħudin il-carriers kollha tal-enerġija flimkien, ta' bejn 0.14 GWh (0.5 TJ) u 2.78 GWh (10 TJ), it-tnejn inklużi.

L-intrapriża applikanti m'għandhiex tkun intrapriża soġġetta għal kwalunkwe obbligu statutorju li twettaq awditu tal-enerġija. Tali intrapriżi għandhom ikunu eleġibbli għall-għajnuna *de minimis* skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ir-Regolament *de minimis*)[1].

4. Dettalji tal-Għajnuna

L-assistenza taħt din l-Iskema għandha tingħata fil-forma ta' għotja mhux ripagabbli li tkopri l-ispiża eleġibbli

[1]https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/2831/oj

Enterprises having any of the relationships referred to in points (i) to (iv) of the above through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking.

This definition is as per Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of the Treaty on the Functioning of the European Union to *de minimis* aid, which further indicates that a group of linked enterprises is considered as one single undertaking for the application of the *de minimis* rule. However, those enterprises that have no relationship with each other, except for the fact that each of them has a direct link to the same public body or bodies, should not be treated as being linked to each other. The specific situation of enterprises controlled by the same public body or bodies, in which the enterprises may have independent power of decision, should therefore be taken into account.

Total Annual Energy Consumption – shall mean the total quantity of energy consumed by the undertaking in the course of carrying out its economic activities in a given year, including, without limitation, fuels consumed for transportation purposes. The Total Annual Energy Consumption shall be calculated as the aggregate of the following:

i. Electricity Consumption of the enterprise;
ii. Fuel Consumption of the enterprise;

Further details regarding the scope and interpretation of each of the above components are set out in the Scheme Guidelines.

3. Beneficiaries

The intended beneficiaries of the Promotion of Energy Performance Assessment in Enterprises Scheme – Scheme A are enterprises that have an average annual energy consumption over the previous three years, taking all energy carriers together, of between 0.14 GWh (0.5 TJ) and 2.78 GWh (10 TJ), both values included.

The applicant enterprise shall not be an enterprise subject to any statutory obligation to carry out an energy audit. Such enterprises must be eligible for *de minimis* aid under Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to *de minimis* aid (the *de minimis* Regulation)[1].

4. Details of Aid

The assistance under this Scheme shall be granted in the form of a non-repayable grant covering the eligible

[1]https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/2831/oj

mġarrba mill-benefiċjarju għall-preparazzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat. L-għotja għandha tkun soġġetta għal-livelli massimi ta' ffinanzjar li ġejjin (limitati):

Kategorija	Għal kumpaniji b'konsum medju totali tal-enerġija tat-tliet snin preċedenti	Ammont tal-Għotja
Kategorija 1	Minn 10 TJ (2.78 GWh) sa 5 TJ (1.39 GWh)	€6,000
Kategorija 2	Taħt 5 TJ (1.39 GWh) sa 1 TJ (0.28 GWh)	€4,000
Kategorija 3	Taħt 1 TJ (0.28 GWh) sa 0.5 TJ (0.14 GWh)	€2,500

L-għotja m'għandhiex taqbeż l-ispiża eleġibbli attwali mġarrba mill-impriża għall-preparazzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija.

Impriża li ma tagħmilx parti minn impriża unika tista' tibbenefika darba biss kull erba' (4) snin taħt din l-Iskema A li hija regolata mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament *de minimis*, jew, alternattivament, darba biss taħt l-Iskema B, li hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija.

Fil-każ ta' intrapriżi li jagħmlu parti minn Impriża Unika, total ta' massimu ta' żewġ (2) għotjiet jistgħu jingħataw fost l-intrapriżi li jiffurmaw l-Impriża Unika fl-istess perjodu ta' erba' (4) snin, soġġett li t-tieni għotja tingħata lil intrapriża differenti fl-istess Impriża Unika, u taħt skema differenti minn dik tal-għotja oriġinalment mogħtija.

Applikant għalhekk m'għandux ikun eleġibbli għall-assistenza taħt din l-Iskema A fejn, matul l-erba' (4) snin preċedenti:

a. l-intrapriża applikanti tkun diġà rċeviet assistenza taħt din l-Iskema A jew l-Iskema B; jew

b. intrapriża oħra li tagħmel parti mill-istess Impriża Unika bħall-applikant tkun diġà rċeviet assistenza taħt din l-Iskema A.

Minkejja l-paragrafu (b), intrapriża applikanti tista' tibbenefika taħt din l-Iskema A fejn intrapriża oħra li tagħmel parti mill-istess Impriża Unika tkun, matul l-erba' (4) snin preċedenti, irċeviet assistenza esklussivament taħt l-Iskema B.

Kwalunkwe applikazzjoni sottomessa minn intrapriżi li jiksru din ir-regola għandha titqies ineliġibbli, u l-Aġenzija

cost incurred by the beneficiary for the preparation of an Energy Performance Assessment carried out by a Certified Energy Auditor. The grant shall be subject to the following maximum funding levels (capped):

Category	For companies with an average total energy consumption of the previous three years	Grant Amount
Category 1	From 10 TJ (2.78 GWh) and up to 5 TJ (1.39 GWh)	€6,000
Category 2	Below 5 TJ (1.39 GWh) and up to 1 TJ (0.28 GWh)	€4,000
Category 3	Below 1 TJ (0.28 GWh) and up to 0.5 TJ (0.14 GWh)	€2,500

The grant shall not exceed the actual eligible cost incurred by the undertaking for the preparation of the Energy Performance Assessment.

An undertaking that does not form part of a single undertaking may benefit only once every four (4) years under either this Scheme A which is governed by the provisions of the *de minimis* Regulation, or, alternatively, only once under Scheme B, which is governed by the provisions of the General Block Exemption Regulation.

In the case of enterprises which form part of a Single Undertaking, a total of a maximum of two (2) grants may be awarded amongst the enterprises making up the Single Undertaking within the same four (4)-year period, subject to the second grant being awarded to a different enterprise within the same Single Undertaking, and under a different Scheme than the originally awarded grant.

An applicant shall therefore not be eligible for assistance under this Scheme A where, during the previous four (4) years:

a. the applicant enterprise has already received assistance under this Scheme A or Scheme B; or

b. another enterprise forming part of the same Single Undertaking as the applicant has already received assistance under this Scheme A.

Notwithstanding paragraph (b), an applicant enterprise may benefit under this Scheme A where another enterprise forming part of the same Single Undertaking has, during the previous four (4) years, received assistance exclusively under Scheme B.

Any applications submitted by enterprises which breach this rule shall be considered ineligible, and the Agency żżomm id-dritt li tirrifjuta jew titlob l-irtirar ta' tali applikazzjonijiet.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-eleġibbiltà:

a) kwalunkwe assistenza mogħtija taħt l-Iskema A stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1057 tal-2026, kif emendata, għandha titqies bħala assistenza mogħtija taħt din l-Iskema A;

b) kwalunkwe assistenza mogħtija taħt l-Iskema B stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1058 tal-2026, kif emendata, għandha titqies bħala assistenza mogħtija taħt din l-Iskema B; u

ċ) kwalunkwe assistenza msemmija f'paragrafi (a) u (b) għandha tittieħed inkonsiderazzjoni meta jiġi kkalkulat il-perjodu ta' eleġibbiltà ta' erba' (4) snin.

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija kumulattivament lill-Impriża Unika m'għandux jaqbeż €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin konsekuttivi, f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831.

5. Spiża Eleġibbli

L-ispiża eleġibbli hija l-ispiża mitluba mill-Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat għat-twettiq tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija f'konformità mal-Linji Gwida tal-Iskema, soġġetta għall-verifika mill-Aġenzija u l-limitu ta' ffinanzjar applikabbli. L-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu appoġġjati b'evidenza dokumentarja ċara, speċifika, u kontemporanja. Spejjeż relatati ma' kwalunkwe telf, dewmien, tfixkil, jew tnaqqis fil-produzzjoni jew fl-operazzjonijiet, u kwalunkwe spiża oħra mhux aċċettata mill-Aġenzija bħala direttament relatata mal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija, mhumiex eleġibbli.

6. Formola tal-Applikazzjoni

L-applikanti jistgħu japplikaw għal għotja taħt din l-iskema permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali li tista' titniżżel mis-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Kif indikat fil-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali, l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu:

a. In-Numru tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpanija, kif irreġistrat mar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta, tal-intrapriża li tissottometti l-applikazzjoni għall-għotja taħt din l-iskema. Fejn l-Intrapriża li qiegħda tapplika ma jkollhiex tali numru ta' reġistrazzjoni, l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa mill-intrapriża prinċipali, kontrollanti, jew oħra debitament awtorizzata fl-istess Impriża Unika, kif aċċettata mill-Aġenzija, u tali intrapriża għandha tiżgura konformità

reserves the right to reject or require the withdrawal of such applications.

For the purposes of determining eligibility:

a) any assistance granted under Scheme A established by Government Notice No. 1057 of 2026, as amended, shall be deemed to constitute assistance granted under this Scheme A;

b) any assistance granted under Scheme B established by Government Notice No. 1058 of 2026, as amended, shall be deemed to constitute assistance granted under this Scheme B; and

c) any assistance referred to in paragraphs (a) and (b) shall be taken into account when calculating the four (4)-year eligibility period.

The total amount of *de minimis* aid granted cumulatively to the Single Undertaking shall not exceed €300,000 over any period of three consecutive years, in accordance with Commission Regulation (EU) 2023/2831.

5. Eligible Cost

The eligible cost is the cost charged by the Certified Energy Auditor for carrying out the Energy Performance Assessment in accordance with the Scheme Guidelines, subject to verification by the Agency and the applicable funding cap. Eligible costs shall be supported by clear, specific, and contemporary documentary evidence. Expenses relating to any loss, delay, disruption, or reduction in production or operation, and any other cost not accepted by the Agency as directly related to the Energy Performance Assessment, shall not be eligible.

6. Application Form

Applicants may apply for a grant under this scheme by means of the General Application Form downloadable from the website of the Energy and Water Agency. As indicated in the General application form, applicants are required to submit:

a. The Company Registration Number, as recorded with the Malta Business Registry, of the enterprise submitting the application for the grant under this scheme. Where the applying Enterprise does not possess such a registration number, the application shall be submitted by the parent, controlling, or other duly authorised enterprise within the same Single Undertaking, as accepted by the Agency, and such enterprise shall ensure full compliance by the applying sħiħa mill-Intrapriża li qiegħda tapplika mar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din l-Iskema, il-Linji Gwida tal-Iskema, u l-formoli ta' applikazzjoni rilevanti.

b. Kopja tal-Karta tal-Identità/Dettalji tal-passaport tal-applikant jew tar-rappreżentant legali fil-każ ta' kumpanija jew organizzazzjoni;

ċ. Kopja taċ-Ċertifikat tal-VAT fil-każ ta' kummerċjant waħdieni;

d. Lista tan-numri tal-kontijiet tal-utilità tal-binjiet kollha li huma proprjetà tal-intrapriża u li jiffurmaw parti mill-attivitajiet ekonomiċi tagħha;

e. Kunsens tal-GDPR biex jaċċessaw il-kontijiet u joħorġu l-informazzjoni meħtieġa;

f. Sottomissjoni tal-aħħar kont tal-utilità għal kull numru tal-kont elenkat f'punt (d), jew tali evidenza dokumentarja oħra kif tista' taċċetta l-Aġenzija, biex tistabbilixxi li l-kont rilevanti huwa rreġistrat f'isem l-Intrapriża jew huwa inkella attribwibbli għall-attivitajiet ekonomiċi tal-Intrapriża għas-sodisfazzjon tal-Aġenzija; u

ġ. It-tlestija tat-Taqsima 3 tal-Formola tal-Applikazzjoni Ġenerali biex tindika l-lista tal-fuels ikkunsmati mill-intrapriża matul it-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha.

Wara t-tlestija u s-sottomissjoni tal-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali, l-applikant jiġi avviċinat minn rappreżentant tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal kwalunkwe kjarifika ulterjuri. Ladarba l-Formola tal-Applikazzjoni Ġenerali tiġi approvata, l-applikant jiġi gwidat lejn l-aħjar għajnuna possibbli disponibbli minn din l-Iskema, l-Iskema B stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1058 tal-2026, jew l-Iskema Ċ stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1059 tal-2026. Billi jissottometti l-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali, l-Applikant jawtorizza lill-Aġenzija biex tivverifika l-informazzjoni sottomessa u biex titlob, tikseb, u tipproċessa tali informazzjoni minn korpi pubbliċi rilevanti, fornituri ta' servizzi, reġistri, u awtoritajiet kompetenti oħrajn kif jista' jkun meħtieġ għall-amministrazzjoni, il-verifika, l-awditjar, u l-infurzar ta' din l-Iskema.

Jekk l-applikant jixtieq jipproċedi bl-applikazzjoni għal għotja taħt din l-Iskema, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja tkun mitluba permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni tal-Għotja tal-Iskema:

a. Formola ta' dikjarazzjoni *de minimis* iffirmata mir-rappreżentant legali tal-impriża unika li turi kwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li tkun inġiebet u/jew ġiet applikata għaliha mill-impriża unika matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin.

b. Lista tal-intrapriżi kollha li jagħmlu parti mill-istess Impriża Unika u konferma li l-ebda intrapriża oħra li

Enterprise with all requirements set out in this Scheme, the Scheme Guidelines, and the relevant application forms.

b. A copy of the ID card/Passport details of applicant or legal representative in case of a company or organisation;

c. A copy of the VAT Certificate in case of a sole trader;

d. A list of utility bill account numbers of all premises owned by the enterprise and which form part of its economic activities;

e. GDPR consent to access accounts and extract the necessary information;

f. Submission of the latest utility bill for each account number listed in point (d), or such other documentary evidence as the Agency may accept, to establish that the relevant account is registered in the Enterprise's name or is otherwise attributable to the Enterprise's economic activities to the Agency's satisfaction; and

g. The completion of Section 3 of the General Application form to indicate the list of fuels consumed by the enterprise in the course of undergoing its economic activities.

Following the completion and submission of the General Application, the applicant will be approached by a representative of the Energy and Water Agency for any further clarifications. Once the General Application has been endorsed, the applicant will be guided towards the best possible aid available from this Scheme, Scheme B governed by Government Notice No. 1058 of 2026, or Scheme C governed by Government Notice No. 1059 of 2026.By submitting the General Application Form, the Applicant authorises the Agency to verify the information submitted and to request, obtain, and process such information from relevant public bodies, service providers, registries, and other competent authorities as may be necessary for the administration, verification, audit, and enforcement of this Scheme.

Should the applicant wish to proceed with applying for a grant under this Scheme, the following additional information will be requested through the Scheme Grant Application:

a. A *de minimis* declaration form signed by the legal representative of the single undertaking showing any other *de minimis* aid received and/or applied for by the single undertaking during the applicable three-year period.

b. A list of all enterprises forming part of the same Single Undertaking and confirmation that no other enterprise tagħmel parti mill-istess Impriża Unika ma ssottomettietx jew ibbenefikat minn applikazzjoni taħt din l-Iskema fil-perjodu ta' eleġibbiltà applikabbli.

ċ. L-indirizz jew l-indirizzi tal-binjiet li qegħdin jiġu riveduti taħt l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija.

d. Jekk disponibbli, biex jipprovdu l-informazzjoni ta' kuntatt tal-Awditur tal-Enerġija li qiegħed jintuża għall-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija. Jekk mhux magħruf fiż-żmien tal-applikazzjoni, dan għandu jiġi kkomunikat lill-EWA fiż-żmien li jsir magħruf.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fuq il-formola xierqa online jew jintbagħtu fl-indirizz elettroniku (energyefficiency@gov.mt). L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

Jiġu pproċessati biss applikazzjonijiet li huma kompluti, debitament iffirmati, u akkumpanjati bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mill-Aġenzija. L-Aġenzija tista' tirrifjuta, tissospendi, jew titlob il-korrezzjoni jew l-irtirar ta' kwalunkwe applikazzjoni li tkun inkompleta, mhux korretta, qarrieqa, mhux appoġġjata, jew inkella mhux konformi ma' din l-Iskema, mal-Linji Gwida tal-Iskema, jew mar-regoli applikabbli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

7. Sa meta hija Valida l-Iskema

L-applikazzjonijiet għal din is-sejħa taħt l-iskema jistgħu jintlaqgħu b'mod validu mit-8 ta' Lulju 2026 sal-31 ta' Diċembru 2029.

L-għajnuna taħt din l-iskema tingħata, jiġifieri tiġi impenjata, sal-31 ta' Diċembru, 2030.

Din l-iskema tista' tiġi mmodifikata jew itterminata qabel dik id-data permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema tista' tiġi mġedda kif jista' jitqies meħtieġ mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma wkoll permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat

8.1 Għajnuna mill-Istat Applikabbli

Din l-iskema se tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ir-Regolament *de minimis*).

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħti lil impriża unika m'għandux jaqbeż l-ammont ta' €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin konsekuttivi.

forming part of the same Single Undertaking has submitted or benefited from an application under this Scheme within the applicable eligibility period.

c. The address or addresses of the premises being reviewed under the Energy Performance Assessment.

d. If available, to provide the contact information of the Energy Auditor being used for the Energy Performance Assessment. If not known at time of application, this should be communicated to EWA at the time it is known.

Applications shall be submitted on the appropriate form online or sent to the email address (energyefficiency@gov.mt). Applications will be processed on a first-come first-served basis.

Only applications that are complete, duly signed, and accompanied by all information and documentation required by the Agency shall be processed. The Agency may reject, suspend, or require the correction or withdrawal of any application that is incomplete, inaccurate, misleading, unsupported, or otherwise non-compliant with this Scheme, the Scheme Guidelines, or applicable State aid rules.

7. Duration of the scheme

Applications for this call under the scheme may be validly received as from the 8th July 2026 till 31st December 2029.

Aid under this scheme will be awarded, i.e. committed by 31st December, 2030.

This scheme may be modified or terminated before that date by means of a notice in the Government Gazette. This scheme may be renewed as may be deemed necessary by the Energy and Water Agency also by means of a notice in the Government Gazette.

8. State Aid Rules

8.1 Applicable State Aid Regulation

This scheme will be implemented in line with Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to *de minimis* aid (the *de minimis* Regulation).

The total amount of *de minimis* aid granted to a single undertaking shall not exceed the amount of €300,000 over any period of three consecutive years.

Għal kull għotja ġdida ta’ għajnuna *de minimis*, l-ammont totali ta’ għajnuna *de minimis* mogħtija fil-perjodu applikabbli ta’ tliet snin, jeħtieġ li jittieħed inkonsiderazzjoni.

Dan il-limitu massimu jkun jinkludi l-Għajnuna mill-Istat kollha mogħtija taħt din l-iskema ta’ għajnuna u kwalunkwe miżura oħra ta’ Għajnuna mill-Istat implimentata f’konformità mar-Regolament *de minimis* inkluża dik riċevuta u/jew applikata għaliha minn kwalunkwe entità minbarra l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Kwalunkwe għajnuna *de minimis* riċevuta li taqbeż il-limitu stabbilit se jkollha tiġi rkuprata, bl-imgħax, mill-impriża li tkun irċeviet l-għajnuna.

Il-formola tad-dikjarazzjoni[2] *de minimis* trid timtela u tiġi sottomessa flimkien mal-formola tal-applikazzjoni.

8.2 Applikabbiltà tal-Għajnuna

F’konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament *de minimis*, l-assistenza mogħtija taħt din l-iskema ta’ għajnuna mhijiex se tingħata lil:

a. impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta’ prodotti tas-sajd u tal-akwakultura;

b. impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti tas-sajd u tal-akwakultura, fejn l-ammont tal-għajnuna jkun stabbilit abbażi tal-prezz jew tal-kwantità ta’ prodotti mixtrija jew imqiegħda fis-suq;

ċ. impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta’ prodotti agrikoli;

d. impriżi attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti agrikoli, f’wieħed mill-każijiet li ġejjin:

1. fejn l-ammont tal-għajnuna jkun stabbilit abbażi tal-prezz jew tal-kwantità ta’ tali prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;

2. fejn l-għajnuna tkun kundizzjonata li tingħata parzjalment jew kompletament lill-produtturi primarji;

e. attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mal-istabbiliment u l-operat ta’ network ta’ distribuzzjoni jew ma’ nefqa kurrenti oħra marbuta mal-attività ta’ esportazzjoni;

f. għajnuna kontinġenti fuq l-użu ta’ oġġetti u servizzi domestiċi fuq oġġetti u servizzi importati.

[2]Id-Dikjarazzjoni dwar l-Għajnuna de minimis tista’ titniżżel flimkien mal-applikazzjoni mis-sit elettroniku tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma.

For each new grant of *de minimis* aid, the total amount of *de minimis* aid granted in the applicable three-year period, needs to be taken into account.

This maximum threshold would include all State aid granted under this aid scheme and any other State aid measure implemented in line with the *de minimis* Regulation including that received and/or applied for from any entity other than the Energy and Water Agency. Any *de minimis* aid received in excess of the established threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

The *de minimis* declaration form[2] must be filled in and submitted together with the application form.

8.2 Applicability of the Aid

In line with Article 1 of the *de minimis* Regulation, assistance awarded under this aid scheme will not be granted to:

a. undertakings active in the primary production of fishery and aquaculture products;

b. undertakings active in the processing and marketing of fishery and aquaculture products, where the amount of the aid is fixed on the basis of price or quantity of products purchased or put on the market;

c. undertakings active in the primary production of agricultural products;

d. undertakings active in the processing and marketing of agricultural products, in one of the following cases:

1. where the amount of the aid is fixed on the basis of the price or quantity of such products purchased from primary producers or put on the market by the undertakings concerned;

2. where the aid is conditional on being partly or entirely passed on to primary producers;

e. export-related activities towards third countries or Member States, namely aid directly linked to the quantities exported, the establishment and operation of a distribution network or other current expenditure linked to the export activity;

f. aid contingent upon the use of domestic goods and services over imported goods and services.

[2]The de minimis Aid Declaration may be downloaded in conjunction with the application from the website of the Energy and Water Agency.

Meta impriża tkun attiva fis-setturi msemmija fil-punti (a), (b), (ċ) jew (d) ta' hawn fuq u tkun attiva wkoll f'wieħed jew aktar mis-setturi l-oħrajn li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament *de minimis*, ir-Regolament *de minimis* għandu japplika għall-għajnuna mogħtija fir-rigward ta' dawn is-setturi jew l-attivitajiet tal-aħħar, dment li l-Aġenzija tiżgura permezz ta' mezzi xierqa, bħas-separazzjoni tal-attivitajiet jew separazzjoni tal-kontijiet, li l-attivitajiet fis-setturi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament *de minimis* ma jibbenefikawx mill-għajnuna *de minimis* mogħtija f'konformità ma' din l-iskema. Huma biss dawk is-setturi eleġibbli għall-assistenza skont ir-Regolament *de minimis* li se jiġu assistiti. L-attivitajiet fis-setturi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament *de minimis* mhux se jibbenefikaw mill-assistenza taħt din l-iskema ta' għajnuna.

Where an undertaking is active in the sectors referred to in points (a), (b) , (c) or (d) above and is also active in one or more of the other sectors falling within the scope of the *de minimis* Regulation, the *de minimis* Regulation shall apply to aid granted in respect of the latter sectors or activities, provided that the Agency will ensure by relying on appropriate means, such as separation of the activities or separation of accounts, that the activities in the sectors excluded from the scope of the *de minimis* Regulation do not benefit from the *de minimis* aid granted in accordance with this scheme. Only those sectors eligible for assistance under the *de minimis* Regulation will be assisted. Activities in the sectors excluded from the scope of the *de minimis* Regulation will not benefit from assistance under this aid scheme.

8.3 Kumulazzjoni tal-Għajnuna

Il-benefiċjarju m'għandux jibbenefika minn kwalunkwe għotja oħra lejn l-eżekuzzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija applikata għaliha permezz ta' dan l-Avviż.

Ir-regoli applikabbli dwar il-kumulazzjoni tal-għajnuna deskritti fl-Artikolu 5 tar-Regolament *de minimis*, għandhom jiġu rrispettati.

8.3 Cumulation of Aid

The beneficiary shall not benefit from any other grant towards the execution of an Energy Performance Assessment applied for through this Notice.

The applicable rules on cumulation of aid outlined in Article 5 of the *de minimis* Regulation, shall be respected.

8.4 Pubblikazzjoni tal-Għajnuna Mogħtija

F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament *de minimis*, mill-1 ta' Jannar 2026, l-informazzjoni dwar l-għajnuna *de minimis* mogħtija taħt din l-iskema għandha tiġi rreġistrata u magħmula disponibbli pubblikament fir-reġistru ċentrali dwar l-għajnuna *de minimis*.

L-informazzjoni li ġejja għandha ssir pubblika fi żmien 20 jum ta' xogħol wara l-għoti tal-għajnuna:

• l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
• l-ammont tal-għajnuna;
• id-data tal-għoti
• l-istrument ta' għajnuna; u
• is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

8.4 Publication of Aid Granted

In line with Article 6(1) of the *de minimis* Regulation, as of 1 January 2026, information on *de minimis* aid granted under this scheme shall be registered and made publicly available in the central register on *de minimis* aid.

The following information shall be made public within 20 working days following the grant of the aid:

• the identification of the beneficiary,
• the aid amount,
• the granting date,
• the aid instrument, and
• the sector involved on the basis of the statistical classification of economic activities in the Union ('NACE classification').

Skeda

Għan

L-għan tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija taħt din l-Iskema huwa li l-intrapriża:

i) ittejjeb is-sensibilizzazzjoni tagħha dwar il-konsum tal-enerġija u tal-ilma tagħha;

Schedule

Aim

The aim of the Energy Performance Assessment under this Scheme, is for the enterprise to

i) improve its awareness upon its energy and water consumption;

ii) tidentifika u tevalwa, permezz ta' spejjeż u benefiċċji kkwantifikati, opportunitajiet speċifiċi ta' ffrankar tal-enerġija u tal-ilma; u

iii) tidentifika kif l-aħjar li tiġi implimentata sistema interna ta' ġestjoni tal-enerġija u tal-ilma.

Data

L-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandha tiġbor l-informazzjoni mitluba kif deskritta fil-Linji Gwida tal-Iskema.

Analiżi

Ir-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandu jinkludi rieżami tal-konsum tal-enerġija u tal-konsum tal-ilma kif deskritt fil-Linji Gwida tal-Iskema.

L-Identifikazzjoni u l-Evalwazzjoni tal-Opportunitajiet

L-istima għandha tidentifika opportunitajiet implimentabbli ta' titjib tar-Rendiment tal-enerġija u tal-ilma, inkluża informazzjoni dwar mekkaniżmi ta' finanzjament disponibbli adattati għall-opportunitajiet differenti ta' titjib, kif deskritt fil-Linji Gwida tal-Iskema.

Output

L-intrapriża għandha tissottometti r-Rapport sħiħ tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għar-rieżami lill-Aġenzija. Il-lista fil-qosor tar-rekwiżiti minimi għar-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija hija disponibbli fil-Linji Gwida tal-Iskema.

L-14 ta' Lulju, 2026

Nru. 1058

AĠENZIJA DWAR L-ENERĠIJA U L-ILMA

Il-Promozzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija fl-Iskema tal-Intrapriżi – Skema B: Applikazzjonijiet taħt ir-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija

SABIEX tkompli tinkoraġġixxi l-aħjar użu tar-riżorsi fi ħdan l-Intrapriżi kif ukoll biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ta' sostenibbiltà, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma qed tamministra l-iskema li ġejja ffinanzjata fuq livell nazzjonali li għandha l-għan li tippromwovi l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija fi ħdan l-Intrapriżi (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Iskema").

1. Deskrizzjoni tal-Iskema

Permezz ta' din l-Iskema, l-Intrapriżi li jikkwalifikaw jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju sabiex issir

ii) identify and evaluate, through quantified costs and benefits, specific energy and water saving opportunities;

iii) identify how to best implement an internal energy and water management systems.

Data

The Energy Performance Assessment shall collate the information requested as outlined in the Scheme Guidelines.

Analysis

The Energy Performance Assessment Report shall include a review of energy consumption and water consumption as outlined in the Scheme Guidelines.

Opportunities Identification and Evaluation

The assessment shall identify implementable energy and water performance improvement opportunities, including information on available financing mechanisms suitable for the different improvement opportunities, as outlined in the Scheme Guidelines.

Output

The enterprise shall submit the full Energy Performance Assessment Report for review to the Agency. The summary list of the minimum requirements for the Energy Performance Assessment Report is available in the Scheme Guidelines.

14th July, 2026

No. 1058

ENERGY AND WATER AGENCY

Promotion of Energy Performance Assessment in Enterprises Scheme – Scheme B: Applications under the General Block Exemption Regulation

IN order to further encourage the better use of resources within Enterprises and also to reach the national sustainability targets, the Energy and Water Agency is administering the following national funded scheme which aims to promote Energy Performance Assessment within Enterprises (hereinafter referred to as the "Scheme").

1. Scheme Description

Through this Scheme, qualifying Enterprises may benefit from financial support in order to have an Energy l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa minn awditur tal-enerġija ċċertifikat. L-ambitu ta' tali stima għandu jkun marbut mal-investimenti msemmija fit-Taqsima 7 tar-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija, u l-ispejjeż biss relatati ma' tali investimenti eleġibbli għandhom ikunu eleġibbli għall-għajnuna taħt din l-Iskema. Permezz tal-istima, se jiġu identifikati opportunitajiet u investimenti għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u fl-ilma għal dawn l-intrapriżi.

Performance Assessment carried out by a certified energy auditor. The scope of such assessment must be linked to the investments referred to in Section 7 of the General Block Exemption Regulation, and only the costs relating to such eligible investments shall be eligible for aid under this Scheme. Through the assessment, energy and water efficiency improvement opportunities and investments will be identified for these enterprises.

Għajnuna m'għandhiex tingħata għall-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa biex jikkonformaw mad-Direttiva (UE) 2023/1791 dwar l-effiċjenza fl-enerġija u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni), sakemm l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija tkun saret flimkien mal-awditu tal-enerġija obbligatorju skont dik id-Direttiva.

Aid shall not be granted for Energy Performance Assessments carried out to comply with Directive (EU) 2023/1791 on energy efficiency and amending Regulation (EU) 2023/955 (recast), unless the Energy Performance Assessment is carried out in addition to the mandatory energy audit under that Directive.

L-intrapriżi għandhom japplikaw permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali uffiċjali, li tinstab fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Wara s-sottomissjoni tal-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali u skont il-konsum medju annwali tal-enerġija tal-applikant, u l-kriterji ta' eleġibbiltà applikabbli, l-applikanti jistgħu jiġu diretti biex japplikaw taħt din l-Iskema, taħt l-Iskema A rregolata min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1057 tal-2026, jew taħt l-Iskema Ċ irregolata min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1059 tal-2026. Wara li jiġi sottomess tagħrif addizzjonali u wara li l-applikazzjoni titqies konformi taħt din l-Iskema, tinħareġ Ittra ta' Intenzjoni li tippermetti lill-intrapriża twettaq l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija.

Enterprises are to apply on the official General Application Form, which can be found on the Energy and Water Agency website. Following submission of the General Application Form and depending on the applicant's average annual energy consumption, and applicable eligibility criteria, applicants may be directed to apply under this Scheme, Scheme A governed by Government Notice No. 1057 of 2026, or Scheme C governed by Government Notice No. 1059 of 2026. After submitting additional information and having been deemed compliant under this Scheme, a Letter of Intent will be issued allowing the enterprise to perform an Energy Performance Assessment.

L-ebda attività, impenn, jew nefqa m'għandha titqies eleġibbli sakemm ma tkunx konformi mar-rekwiżiti tal-bidu tax-xogħlijiet taħt din l-Iskema u r-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija.

No activity, commitment, or expenditure shall be considered eligible unless it complies with the start of works requirements under this Scheme and the General Block Exemption Regulation.

L-istima għandha titwettaq minn awditur tal-enerġija ċċertifikat magħżul mil-lista uffiċjali ta' awdituri tal-enerġija ppubblikata fuq is-sit web tar-Regolatur għas-Sorsi tal-Enerġija u tal-Ilma (REWS). L-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema. Ir-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandu jiġi ppreżentat lill-Aġenzija fi żmien sitt (6) xhur mid-data tal-Ittra ta' Intenzjoni, dment li l-Aġenzija tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti estensjoni għal dan il-perjodu fuq talba mill-intrapriża, liema talba għandha tindika b'mod ċar ir-raġuni u l-ġustifikazzjoni għat-talba għal tali estensjoni.

The assessment shall be carried out by a certified energy auditor chosen from the official list of energy auditors published on the website of the Regulator for Energy and Water Sources (REWS). The Energy Performance Assessment shall comply with the minimum requirements established in the Scheme Guidelines. The Energy Performance Assessment Report is to be presented to the Agency within six (6) months from the date of the Letter of Intent, provided that the Agency may, at its discretion, grant an extension to this period upon request from the enterprise, which request shall clearly lay down the reason and justification for requesting such extension.

Ladarba r-rapport ikun lest u sottomess lill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, din tal-aħħar se tiżgura li r-rapport jissodisfa r-rekwiżiti minimi kif dettaljati fil-Linji Gwida tal-Iskema. Wara l-verifika tar-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija, l-intrapriża mbagħad tirċievi pagament għall-eżerċizzju abbażi tal-irċevuta fiskali oriġinali mibgħuta lill-Aġenzija li tindika l-ispiża attwali tal-istima u r-rapport.

Once the report is completed and submitted to the Energy and Water Agency, the latter will ensure that the report meets the minimum requirements as detailed in the Scheme Guidelines. Following the verification of the Energy Performance Assessment Report, the enterprise will then receive payment for the exercise based on the original fiscal receipt forwarded to the Agency indicating the actual cost of the assessment and

L-ammont effettivament rimborżat għandu jkun soġġett għal-limitu massimu applikabbli stabbilit f'Taqsima 4.

2. Definizzjonijiet

Aġenzija – Referenza għall-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, inkluż kwalunkwe uffiċjal, rappreżentant, kumitat, jew persuna oħra debitament awtorizzata biex taġixxi f'isimha għall-finijiet tal-amministrazzjoni ta' din l-Iskema.

Applikant – L-Intrapriża li tissottometti applikazzjoni taħt din l-Iskema jew, fejn applikabbli, l-intrapriża prinċipali, kontrollanti, jew awtorizzata li tissottometti l-applikazzjoni f'isem dik l-Intrapriża, soġġett għas-sodisfazzjon tal-Aġenzija li tali persuna hija debitament awtorizzata biex tagħmel hekk.

Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat – Persuna inkluża fil-lista uffiċjali ppubblikata fuq is-sit web tar-REWS li tikkonferma li l-awditur attenda taħriġ f'konformità mal-ISO 50002.

Intrapriża – Kwalunkwe persuna ġuridika jew naturali, inkluża kwalunkwe soċjetà kummerċjali u kwalunkwe soċjetà ċivili, li hija involuta f'attività ekonomika jew teżerċita atti kummerċjali.

Stima tar-Rendiment tal-Enerġija – Proċedura sistematika bil-għan li jinkiseb għarfien adegwat tal-profil eżistenti tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma ta' bini jew grupp ta' binjiet, operazzjoni jew installazzjoni industrijali jew kummerċjali jew servizz privat jew pubbliku, li jidentifika u jikkwantifika opportunitajiet kosteffettivi għall-iffrankar tal-enerġija u/jew tal-ilma, u jirrapporta s-sejbiet. Għall-finijiet ta' din l-Iskema, ir-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema.

Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija – Rapport bil-miktub imħejji minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat wara Stima tar-Rendiment tal-Enerġija u sottomess lill-Aġenzija għall-verifika, liema rapport għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema u din l-Iskeda.

Intrapriżi kbar – Impriżi li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija;

Ittra ta' Intenzjoni – Il-komunikazzjoni bil-miktub maħruġa mill-Aġenzija li tikkonferma li applikazzjoni tista' tipproċedi għall-istadju tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija, dejjem soġġetta għall-kundizzjonijiet ta' din l-Iskema, il-Linji Gwida tal-Iskema, ir-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija, u kwalunkwe kundizzjoni msemmija f'dik il-komunikazzjoni.

report. The amount effectively refunded shall be subject to the applicable capping laid down in Section 4.

2. Definitions

Agency – means the Energy and Water Agency, including any officer, representative, committee, or other person duly authorised to act on its behalf for the purposes of administering this Scheme.

Applicant – means the Enterprise submitting an application under this Scheme or, where applicable, the parent, controlling, or authorised enterprise submitting the application on behalf of that Enterprise, subject to the Agency's satisfaction that such person is duly authorised to do so.

Certified Energy Auditor - A Certified Energy Auditor is a person included in the official list published on the website of REWS confirming that the auditor has attended training in line with ISO 50002.

Enterprise - means any legal or natural person, including any commercial partnership and any civil partnership, that is engaged in an economic activity or exercises acts of trade.

Energy Performance Assessment - An Energy Performance Assessment is a systematic procedure with the purpose of obtaining adequate knowledge of the existing energy and water consumption profile of a building or group of buildings, an industrial or commercial operation or installation or a private or public service, identifying and quantifying cost-effective energy and/or water savings opportunities, and reporting the findings. For the purpose of this Scheme the Energy Performance Assessment Report shall comply with the minimum requirements established in the Scheme Guidelines;

Energy Performance Assessment Report – means the written report prepared by a Certified Energy Auditor following an Energy Performance Assessment and submitted to the Agency for verification, which report shall comply with the minimum requirements set out in the Scheme Guidelines and this Schedule.

Large enterprises – means undertakings not fulfilling the criteria laid down in Annex I of the General Block Exemption Regulation;

Letter of Intent – means the written communication issued by the Agency confirming that an application may proceed to the Energy Performance Assessment stage, subject always to the terms of this Scheme, the Scheme Guidelines, the General Block Exemption Regulation, and any conditions stated in that communication.

Linji Gwida tal-Iskema – Id-dokument komplimentari uffiċjali maħruġ biex jipprovdi informazzjoni u gwida ddettaljata lill-applikanti matul l-istadji tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Iskema. L-informazzjoni li tinsab fil-Linji Gwida tal-Iskema tista' tiġi riveduta perjodikament biex tirrifletti aġġornamenti, kjarifiki, jew titjib fl-Iskema. L-aħħar verżjoni tal-Linji Gwida tal-Iskema għandha f'kull ħin tkun disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. L-applikanti u l-benefiċjarji għandhom jikkonformaw mal-verżjoni tal-Linji Gwida tal-Iskema applikabbli fl-istadju rilevanti tal-applikazzjoni, l-istima, ir-rappurtaġġ, jew il-proċess ta' pagament, kif determinat mill-Aġenzija.

Skema A – L-iskema rregolata mir-Regolament *de minimis* stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1057 tal-2026. Taħt din l-iskema, applikant jiġi mogħti għotja li mhux ripagabbli u tkopri l-ispiża eleġebbli mġarrba mill-benefiċjarju għall-preparazzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat.

Skema Ċ – L-iskema rregolata mir-Regolament *de minimis* stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1059 tal-2026. Taħt din l-iskema, applikant jiġi mogħti servizz b'xejn fil-forma ta' żjara/żjarat fis-sit u konsultazzjoni/jiet minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat.

Impriża Unika – Għandha tinkludi, għall-finijiet ta' din l-Iskema, l-intrapriżi kollha li jkollhom mill-inqas waħda (1) mir-relazzjonijiet li ġejjin ma' xulxin:

i. intrapriża waħda għandha maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

ii. intrapriża waħda għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' intrapriża oħra;

iii. intrapriża waħda għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt konkluż ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha;

iv. intrapriża waħda, li hija azzjonista fi jew membru ta' intrapriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħrajn fi jew membri ta' dik l-intrapriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

L-intrapriżi li jkollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (i) sa (iv) tal-ewwel subparagrafu permezz ta' intrapriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu wkoll bħala impriża unika.

Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew SMEs – Impriżi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija.

Scheme Guidelines – Scheme Guidelines means the official complementary document issued to provide detailed information and guidance to applicants during the application and implementation stages of the Scheme. The information contained in the Scheme Guidelines may be revised periodically, to reflect updates, clarifications, or improvements to the Scheme. The most recent version of the Scheme Guidelines shall at all times be made available on the website of the Energy and Water Agency. Applicants and beneficiaries shall comply with the version of the Scheme Guidelines applicable at the relevant stage of the application, assessment, reporting, or payment process, as determined by the Agency.

Scheme A – means the scheme governed by the *de minimis* Regulation established by Government Notice No. 1057 of 2026. Under this scheme, an applicant is awarded a non-repayable grant covering the eligible cost incurred by the beneficiary for the preparation of an Energy Performance Assessment carried out by a Certified Energy Auditor;

Scheme C – means the scheme governed by the *de minimis* Regulation established by Government Notice No. 1059 of 2026. Under this scheme, an applicant is awarded a free service in the form of walk-in site visit/s and consultation/s a Certified Energy Auditor;

Single Undertaking - means all enterprises having at least one (1) of the following relationships with each other:

i. one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise;

ii. one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

iii. one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered into with that enterprise or to a provision in its memorandum or articles of association;

iv. one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (i) to (iv) of the above through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking.

Small and medium-sized enterprises or SMEs means undertakings fulfilling the criteria laid down in Annex I of the General Block Exemption Regulation;

Bidu tax-xogħlijiet – L-eqdem minn jew il-bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni relatati mal-investiment, jew l-ewwel impenn legalment vinkolanti biex jordna tagħmir jew kwalunkwe impenn ieħor li jagħmel l-investiment irriversibbli. Ix-xiri ta' art u xogħlijiet preparatorji bħall-kisba ta' permessi u t-twettiq ta' studji ta' fattibbiltà mhumiex ikkunsidrati bħala bidu tax-xogħlijiet. Fil-każ ta' akkwiżizzjonijiet, il- 'bidu tax-xogħlijiet' ifisser il-mument tal-akkwist tal-assi direttament marbuta mal-istabbiliment akkwistat.

Impriża f'diffikultà – Impriża li fir-rigward tagħha tal-anqas waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin isseħħ:

a. Fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (minbarra SME li ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Dan huwa l-każ meta t-tnaqqis tat-telf akkumulat mir-riżervi (u l-elementi l-oħrajn kollha ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv negattiv li jaqbeż nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija b'responsabbiltà limitata" tirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE u "kapital azzjonarju" jinkludi, fejn rilevanti, kwalunkwe premium fuq l-ishma.

b. Fil-każ ta' kumpanija fejn tal-anqas uħud mill-membri għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija (minbarra SME li ilha teżisti għal inqas minn tliet snin), fejn aktar minn nofs il-kapital tagħha kif jidher fil-kontijiet tal-kumpanija jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija fejn tal-anqas uħud mill-membri għandhom responsabbiltà illimitata għad-dejn tal-kumpanija" tirreferi b'mod partikolari għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2013/34/UE.

ċ. Fejn l-impriża tkun soġġetta għal proċeduri ta' insolvenza kollettiva jew tissodisfa l-kriterji skont il-liġi domestika tagħha biex titqiegħed fi proċeduri ta' insolvenza kollettiva fuq talba tal-kredituri tagħha.

d. Fejn l-impriża tkun irċeviet għajnuna ta' salvataġġ u għadha ma ħallsitx lura s-self jew temmet il-garanzija, jew tkun irċeviet għajnuna ta' ristrutturar u għadha soġġetta għal pjan ta' ristrutturar.

e. Fil-każ ta' impriża li mhijiex SME, fejn, għaż-żewġ snin preċedenti:

1. il-proporzjon tad-dejn kontabbli mal-ekwità tal-impriża jkun akbar minn 7.5; u

2. il-proporzjon tal-kopertura tal-imgħax tal-EBITDA tal-impriża jkun taħt 1.0.

Start of works – means the earlier of either the start of construction works relating to the investment, or the first legally binding commitment to order equipment or any other commitment that makes the investment irreversible. Buying land and preparatory works such as obtaining permits and conducting feasibility studies are not considered start of works. For take-overs, 'start of works' means the moment of acquiring the assets directly linked to the acquired establishment;

Undertaking in difficulty – An undertaking in difficulty means an undertaking in respect of which at least one of the following circumstances occurs:

a. In the case of a limited liability company (other than an SME that has been in existence for less than three years), where more than half of its subscribed share capital has disappeared as a result of accumulated losses. This is the case when deduction of accumulated losses from reserves (and all other elements generally considered as part of the own funds of the company) leads to a negative cumulative amount that exceeds half of the subscribed share capital. For the purposes of this provision, "limited liability company" refers in particular to the types of company mentioned in Annex I of Directive 2013/34/EU and "share capital" includes, where relevant, any share premium.

b. In the case of a company where at least some members have unlimited liability for the debt of the company (other than an SME that has been in existence for less than three years), where more than half of its capital as shown in the company accounts has disappeared as a result of accumulated losses. For the purposes of this provision, "a company where at least some members have unlimited liability for the debt of the company" refers in particular to the types of company mentioned in Annex II of Directive 2013/34/EU.

c. Where the undertaking is subject to collective insolvency proceedings or fulfils the criteria under its domestic law for being placed in collective insolvency proceedings at the request of its creditors.

d. Where the undertaking has received rescue aid and has not yet reimbursed the loan or terminated the guarantee, or has received restructuring aid and is still subject to a restructuring plan.

e. In the case of an undertaking that is not an SME, where, for the past two years:

1. the undertaking's book debt to equity ratio has been greater than 7.5 and

2. the undertaking's EBITDA interest coverage ratio has been below 1.0.

Il-Konsum Totali Annwali tal-Enerġija – Il-kwantità totali ta' enerġija kkunsmata mill-impriża matul it-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha f'sena partikolari, inklużi, mingħajr limitazzjoni, il-fuels ikkunsmati għal finijiet ta' trasport. Il-Konsum Totali Annwali tal-Enerġija għandu jiġi kkalkulat bħala l-aggregat ta' dawn li ġejjin:

i. Il-Konsum tal-Elettriku tal-intrapriża; u

ii. Il-Konsum tal-Fuel tal-intrapriża;

Aktar dettalji dwar l-ambitu u l-interpretazzjoni ta' kull wieħed mill-komponenti t'hawn fuq huma stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema.

3. Benefiċjarji

Il-benefiċjarji maħsuba tal-Promozzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija fl-Iskema tal-Intrapriżi – Skema B huma intrapriżi b'konsum medju annwali tal-enerġija fuq it-tliet snin preċedenti, meħudin il-carriers kollha tal-enerġija flimkien, ta' bejn 0.14 GWh (0.5 TJ) u 2.78 GWh (10 TJ), it-tnejn inklużi.

Biex ikunu eleġibbli, l-applikanti m'għandhomx ikunu legalment obbligati li jwettqu tali stima.

4. Dettalji tal-Għajnuna

L-assistenza taħt din l-Iskema għandha tingħata fil-forma ta' għotja mhux ripagabbli li tkopri l-ispiża eleġibbli mġarrba mill-benefiċjarju għall-preparazzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat. L-għotja m'għandhiex taqbeż l-ispiża eleġibbli attwali mġarrba mill-impriża għall-preparazzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija.

L-għotja għandha tkun soġġetta għal-livelli massimi ta' ffinanzjar li ġejjin (limitati):

Kategorija	Għal kumpaniji b'konsum medju totali tal-enerġija tat-tliet snin preċedenti	Ammont tal-Għotja
Kategorija 1	Minn 10 TJ (2.78 GWh) sa 5 TJ (1.39 GWh)	€6,000
Kategorija 2	Taħt 5 TJ (1.39 GWh) sa 1 TJ (0.28 GWh)	€4,000
Kategorija 3	Taħt 1 TJ (0.28 GWh) sa 0.5 TJ (0.14 GWh)	€2,500

L-intrapriża applikanti m'għandhiex tkun intrapriża soġġetta għal kwalunkwe obbligu statutorju li twettaq l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija.

Total Annual Energy Consumption – shall mean the total quantity of energy consumed by the undertaking in the course of carrying out its economic activities in a given year, including, without limitation, fuels consumed for transportation purposes. The Total Annual Energy Consumption shall be calculated as the aggregate of the following:

i. Electricity Consumption of the enterprise;

ii. Fuel Consumption of the enterprise;

Further details regarding the scope and interpretation of each of the above components are set out in the Scheme Guidelines.

3. Beneficiaries

The intended beneficiaries of the Promotion of Energy Performance Assessments in Enterprises Scheme – Scheme B are enterprises with an average annual energy consumption over the previous three years, taking all energy carriers together, of between 0.14 GWh (0.5 TJ) and 2.78 GWh (10 TJ), both values included.

In order to be eligible, applicants must not be legally obliged to conduct such an assessment.

4. Details of Aid

The assistance under this Scheme shall be granted in the form of a non-repayable grant covering the eligible cost incurred by the beneficiary for the preparation of an Energy Performance Assessment carried out by a Certified Energy Auditor. The grant shall not exceed the actual eligible cost incurred by the undertaking for the preparation of the Energy Performance Assessment.

The grant shall be subject to the following maximum funding levels (capped):

Category	For companies with an average total energy consumption of the previous three years	Grant Amount
Category 1	From 10 TJ (2.78 GWh) and up to 5 TJ (1.39 GWh)	€6,000
Category 2	Below 5 TJ (1.39 GWh) and up to 1 TJ (0.28 GWh)	€4,000
Category 3	Below 1 TJ (0.28 GWh) and up to 0.5 TJ (0.14 GWh)	€2,500

The applicant enterprise shall not be an enterprise subject to any statutory obligation to carry out an Energy Performance Assessment.

Impriża li ma tagħmilx parti minn impriża unika tista’ tibbenefika darba biss kull erba’ (4) snin taħt l-Iskema A li hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament *de minimis*, jew, alternattivament, darba biss taħt din l-Iskema B, li hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta’ Eżenzjoni Ġenerali ta’ Kategorija.

An undertaking that does not form part of a single undertaking may benefit only once every four (4) years under either Scheme A which is governed by the provisions of the *de minimis* Regulation, or, alternatively, only once under this Scheme B, which is governed by the provisions of the General Block Exemption Regulation.

Fil-każ ta’ intrapriżi li jagħmlu parti minn Impriża Unika, total ta’ massimu ta’ żewġ (2) għotjiet jistgħu jingħataw fost l-intrapriżi li jiffurmaw l-Impriża Unika fl-istess perjodu ta’ erba’ (4) snin, soġġett li t-tieni għotja tingħata lil intrapriża differenti fl-istess Impriża Unika, u taħt skema differenti minn dik tal-għotja oriġinalment mogħtija.

In the case of enterprises which form part of a Single Undertaking, a total of a maximum of two (2) grants may be awarded amongst the enterprises making up the Single Undertaking within the same four (4)-year period, subject to the second grant being awarded to a different enterprise within the same Single Undertaking, and under a different Scheme than the originally awarded grant.

Applikant għalhekk m’għandux ikun eleġibbli għall-assistenza taħt din l-Iskema B fejn, matul l-erba’ (4) snin preċedenti:

a. l-intrapriża applikanti tkun diġà rċeviet assistenza taħt din l-Iskema B jew l-Iskema A; jew

b. intrapriża oħra li tagħmel parti mill-istess Impriża Unika bħall-applikant tkun diġà rċeviet assistenza taħt din l-Iskema B.

An applicant shall therefore not be eligible for assistance under this Scheme B where, during the previous four (4) years:

a. the applicant enterprise has already received assistance under this Scheme B or Scheme A; or

b. another enterprise forming part of the same Single Undertaking as the applicant has already received assistance under this Scheme B.

Minkejja l-paragrafu (b), intrapriża applikanti tista’ tibbenefika taħt din l-Iskema B fejn intrapriża oħra li tagħmel parti mill-istess Impriża Unika tkun, matul l-erba’ (4) snin preċedenti, irċeviet assistenza esklussivament taħt l-Iskema A.

Notwithstanding paragraph (b), an applicant enterprise may benefit under this Scheme B where another enterprise forming part of the same Single Undertaking has, during the previous four (4) years, received assistance exclusively under Scheme A.

Kwalunkwe applikazzjoni sottomessa minn intrapriżi li jiksru din ir-regola għandha titqies ineliġibbli, u l-Aġenzija żżomm id-dritt li tirrifjuta jew titlob l-irtirar ta’ tali applikazzjonijiet.

Any applications submitted by enterprises which breach this rule shall be considered ineligible, and the Agency reserves the right to reject or require the withdrawal of such applications.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-eleġibbiltà:

a. kwalunkwe assistenza mogħtija taħt l-Iskema A stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1057 tal-2026, kif emendata, għandha titqies bħala assistenza mogħtija taħt din l-Iskema A;

b. kwalunkwe assistenza mogħtija taħt l-Iskema B stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1058 tal-2026, kif emendata, għandha titqies bħala assistenza mogħtija taħt din l-Iskema B; u

ċ. kwalunkwe assistenza msemmija f’paragrafi (a) u (b) għandha tittieħed inkonsiderazzjoni meta jiġi kkalkulat il-perjodu ta’ eleġibbiltà ta’ erba’ (4) snin.

For the purposes of determining eligibility:

a. any assistance granted under Scheme A established by Government Notice No. 1057 of 2026, as amended, shall be deemed to constitute assistance granted under this Scheme A;

b. any assistance granted under Scheme B established by Government Notice No. 1058 of 2026, as amended, shall be deemed to constitute assistance granted under this Scheme B; and

c. any assistance referred to in paragraphs (a) and (b) shall be taken into account when calculating the four (4)-year eligibility period.

L-intensità tal-għajnuna tvarja skont id-daqs tal-impriża. Il-limitu m’għandux jaqbeż il-perċentwali li ġejjin tal-ispejjeż eleġibbli:

The aid intensity varies according to the size of the undertaking. The capping will not exceed the following percentages of the eligible costs:

Tip ta' Impriża	%
Żgħar	80
Ta' daqs medju	70
Kbar	60

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eleġibbli, iċ-ċifri kollha użati għandhom jittieħdu qabel kwalunkwe tnaqqis ta' taxxa jew ħlas ieħor. It-taxxa fuq il-valur miżjud imposta fuq l-ispejjeż eleġibbli jew l-ispejjeż li hija rifondabbli skont il-liġi tat-taxxa nazzjonali applikabbli, madankollu, m'għandhiex tittieħed inkonsiderazzjoni għall-kalkolu tal-intensità tal-għajnuna u l-ispejjeż eleġibbli.

5. Spiża Eleġibbli

L-ispiża eleġibbli hija l-ispiża mitluba mill-Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat għat-twettiq tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija f'konformità mal-Linji Gwida tal-Iskema, soġġetta għall-verifika mill-Aġenzija, il-limitu ta' ffinanzjar applikabbli, u l-intensità tal-għajnuna applikabbli għall-benefiċjarju. Fejn l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija kollha tikkonċerna investimenti eleġibbli għall-għajnuna taħt it-Taqsima 7 tar-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija, l-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu l-ispejjeż ta' dik l-istima. Fejn parti biss tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija tikkonċerna tali investimenti eleġibbli, l-ispejjeż biss tal-parti tal-istima relatata ma' dawk l-investimenti eleġibbli għandhom ikunu eleġibbli. L-Aġenzija tista' titlob lill-benefiċjarju biex jipprovdi allokazzjoni jew tqassim raġonevoli tal-ispejjeż u tista' teskludi kwalunkwe spiża li mhijiex ċara, speċifika, kontemporanja, evidenzjata b'mod adegwat, jew direttament relatata ma' investimenti eleġibbli.

Spejjeż relatati ma' kwalunkwe telf jew dewmien fil-produzzjoni jew fl-operazzjonijiet minħabba l-istima mhumiex eleġibbli.

L-ispejjeż eleġibbli għandhom ikunu appoġġjati b'evidenza dokumentarja li għandha tkun ċara, speċifika u kontemporanja.

6. Formola tal-Applikazzjoni

L-applikanti għandhom jissottomettu applikazzjoni bil-miktub għall-assistenza taħt din l-iskema qabel ma jibdew ix-xogħlijiet fuq l-attività ('bidu tax-xogħlijiet').

L-applikanti jistgħu japplikaw għal għotja taħt din l-iskema permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali li tista' titniżżel mis-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Kif indikat fil-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali, l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu:

Type of Undertaking	%
Small	80
Medium-sized	70
Large	60

For the purposes of calculating aid intensity and eligible costs, all figures used shall be taken before any deduction of tax or other charge. Value added tax charged on eligible costs or expenses that is refundable under the applicable national tax law shall, however, not be taken into account for calculating aid intensity and eligible costs.

5. Eligible Costs

The eligible cost is the cost charged by the Certified Energy Auditor for carrying out the Energy Performance Assessment in accordance with the Scheme Guidelines, subject to verification by the Agency, the applicable funding cap, and the aid intensity applicable to the beneficiary. Where the entire Energy Performance Assessment concerns investments eligible for aid under Section 7 of the General Block Exemption Regulation, the eligible costs shall be the costs of that assessment. Where only part of the Energy Performance Assessment concerns such eligible investments, only the costs of the part of the assessment relating to those eligible investments shall be eligible. The Agency may require the beneficiary to provide a reasonable allocation or breakdown of costs and may exclude any cost that is not clear, specific, contemporary, adequately evidenced, or directly related to eligible investments.

Expenses related to any loss or delays in production or operation due to the assessment are not eligible.

The eligible costs shall be supported by documentary evidence which shall be clear, specific and contemporary

6. Application Form

Applicants are to submit a written application for assistance under this scheme before work on the activity starts ('start of works').

Applicants may apply for a grant under this scheme by means of the General Application Form downloadable from the website of the Energy and Water Agency. As indicated in the General application form, applicants are required to submit:

a. In-Numru tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpanija, kif irreġistrat mar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta, tal-intrapriża li tissottometti l-applikazzjoni għall-għotja taħt din l-iskema. Fejn l-Intrapriża li qiegħda tapplika ma jkollhiex tali numru ta' reġistrazzjoni, l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa mill-intrapriża prinċipali, kontrollanti, jew oħra debitament awtorizzata fl-istess Impriża Unika, kif aċċettata mill-Aġenzija, u tali intrapriża għandha tiżgura konformità sħiħa mill-Intrapriża li qiegħda tapplika mar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din l-Iskema, il-Linji Gwida tal-Iskema, u l-formoli ta' applikazzjoni rilevanti.

b. Kopja tal-Karta tal-Identità/Dettalji tal-passaport tal-applikant jew tar-rappreżentant legali fil-każ ta' kumpanija jew organizzazzjoni;

ċ. Kopja taċ-Ċertifikat tal-VAT fil-każ ta' kummerċjant waħdieni;

d. Lista tan-numri tal-kontijiet tal-utilità tal-binjiet kollha li huma proprjetà tal-intrapriża u li jiffurmaw parti mill-attivitajiet ekonomiċi tagħha;

e. Kunsens tal-GDPR biex jaċċessaw il-kontijiet u joħorġu l-informazzjoni meħtieġa;

f. Sottomissjoni tal-aħħar kont tal-utilità għal kull numru tal-kont elenkat f'punt (d), jew tali evidenza dokumentarja oħra kif tista' taċċetta l-Aġenzija, biex tistabbilixxi li l-kont rilevanti huwa rreġistrat f'isem l-Intrapriża jew huwa inkella attribwibbli għall-attivitajiet ekonomiċi tal-Intrapriża għas-sodisfazzjon tal-Aġenzija;

ġ. It-tlestija tat-Taqsima 3 tal-Formola tal-Applikazzjoni Ġenerali biex tindika l-lista tal-fuels ikkunsmati mill-intrapriża matul it-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha.

Wara t-tlestija u s-sottomissjoni tal-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali, l-applikant jiġi avviċinat minn rappreżentant tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal kwalunkwe kjarifika ulterjuri. Ladarba l-Formola tal-Applikazzjoni Ġenerali tiġi approvata, l-applikant jiġi gwidat lejn l-aħjar għajnuna possibbli disponibbli minn din l-Iskema, l-Iskema A stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1057 tal-2026, jew l-Iskema Ċ stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1059 tal-2026.

Billi jissottometti l-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali, l-Applikant jawtorizza lill-Aġenzija biex tivverifika l-informazzjoni sottomessa u biex titlob, tikseb, u tipproċessa tali informazzjoni minn korpi pubbliċi rilevanti, fornituri ta' servizzi, reġistri, u awtoritajiet kompetenti oħrajn kif jista' jkun meħtieġ għall-amministrazzjoni, il-verifika, l-awditjar, u l-infurzar ta' din l-Iskema.

Jekk l-applikant jixtieq jipproċedi bl-applikazzjoni għal għotja taħt din l-Iskema, l-informazzjoni addizzjonali li

a. The Company Registration Number, as recorded with the Malta Business Registry, of the enterprise submitting the application for the grant under this scheme. Where the applying Enterprise does not possess such a registration number, the application shall be submitted by the parent, controlling, or other duly authorised enterprise within the same Single Undertaking, as accepted by the Agency, and such enterprise shall ensure full compliance by the applying Enterprise with all requirements set out in this Scheme, the Scheme Guidelines, and the relevant application forms.

b. A copy of the ID card/Passport details of applicant or legal representative in case of a company or organisation;

c. A copy of the VAT Certificate in case of a sole trader;

d. A list of utility bill account numbers of all premises owned by the enterprise and which form part of its economic activities;

e. GDPR consent to access accounts and extract the necessary information;

f. Submission of the latest utility bill for each account number listed in point (d), or such other documentary evidence as the Agency may accept, to establish that the relevant account is registered in the Enterprise's name or is otherwise attributable to the Enterprise's economic activities to the Agency's satisfaction;

g. The completion of Section 3 of the General Application form to indicate the list of fuels consumed by the enterprise in the course of undergoing its economic activities.

Following the completion and submission of the General Application, the applicant will be approached by a representative of the Energy and Water Agency for any further clarifications. Once the General Application has been endorsed, the applicant will be guided towards the best possible aid available from this Scheme, Scheme A established by Government Notice No. 1057 of 2026, or Scheme C established by Government Notice No. 1059 of 2026.

By submitting the General Application Form, the Applicant authorises the Agency to verify the information submitted and to request, obtain, and process such information from relevant public bodies, service providers, registries, and other competent authorities as may be necessary for the administration, verification, audit, and enforcement of this Scheme.

Should the applicant wish to proceed with applying for a grant under this Scheme, the following additional ġejja tkun mitluba permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni tal-Għotja tal-Iskema:

a. Lista tal-intrapriżi kollha li jagħmlu parti mill-istess Impriża Unika u konferma li l-ebda intrapriża oħra li tagħmel parti mill-istess Impriża Unika ma ssottomettietx jew ibbenefikat minn applikazzjoni taħt din l-Iskema fil-perjodu ta' eleġibbiltà applikabbli.

b. L-indirizz jew l-indirizzi tal-binjiet li qegħdin jiġu riveduti taħt l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija.

ċ. Jekk disponibbli, biex jipprovdu l-informazzjoni ta' kuntatt tal-Awditur tal-Enerġija li qiegħed jintuża għall-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija. Jekk mhux magħruf fiż-żmien tal-applikazzjoni, dan għandu jiġi kkomunikat lill-EWA fiż-żmien li jsir magħruf.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fuq il-formola xierqa online jew jintbagħtu fl-indirizz elettroniku (energyefficiency@gov.mt). L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

Jiġu pproċessati biss applikazzjonijiet li huma kompluti, debitament iffirmati, u akkumpanjati bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mill-Aġenzija. L-Aġenzija tista' tirrifjuta, tissospendi, jew titlob il-korrezzjoni jew l-irtirar ta' kwalunkwe applikazzjoni li tkun inkompleta, mhux korretta, qarrieqa, mhux appoġġjata, jew inkella mhux konformi ma' din l-Iskema, mal-Linji Gwida tal-Iskema, jew mar-regoli applikabbli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

7. Sa meta hija Valida l-Iskema

L-applikazzjonijiet għal din is-sejħa taħt l-iskema jistgħu jintlaqgħu b'mod validu mit-8 ta' Lulju 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026. L-għajnuna taħt din l-iskema tingħata, jiġifieri tiġi impenjata, sal-31 ta' Diċembru 2027. Din l-iskema tista' tiġi mmodifikata jew itterminata qabel dik id-data permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema tista' tiġi mġedda kif jista' jitqies meħtieġ mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma wkoll permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat

Regolament ta' Għajnuna mill-Istat Applikabbli

Il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din in-Notifikazzjoni tal-Gvern huma f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/1084 tal-14 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-għajnuna għall-infrastruttura tal-portijiet u l-ajruporti, il-limiti

information will be requested through the Scheme Grant Application:

a. A list of all enterprises forming part of the same Single Undertaking and confirmation that no other enterprise forming part of the same Single Undertaking has submitted or benefited from an application under this Scheme within the applicable eligibility period.

b. The address or addresses of the premises being reviewed under the Energy Performance Assessment.

c. If available, to provide the contact information of the Energy Auditor being used for the Energy Performance Assessment. If not known at time of application, this should be communicated to EWA at the time it is known.

Applications shall be submitted on the appropriate form online or sent to the email address (energyefficiency@gov.mt). Applications will be processed on a first-come first-served basis.

Only applications that are complete, duly signed, and accompanied by all information and documentation required by the Agency shall be processed. The Agency may reject, suspend, or require the correction or withdrawal of any application that is incomplete, inaccurate, misleading, unsupported, or otherwise non-compliant with this Scheme, the Scheme Guidelines, or applicable State aid rules.

7. Duration of the scheme

Applications for this call under the scheme may be validly received as from the 8th July 2026 till 31st December 2026.Aid under this scheme will be awarded, i.e. committed by 31st December 2027. This scheme may be modified or terminated before that date by means of a notice in the Government Gazette. This scheme may be renewed as may be deemed necessary by the Energy and Water Agency also by means of a notice in the Government Gazette.

8. State Aid Rules

Applicable State Aid Regulation

The terms and conditions set out in this Government Notice are in line with Commission Regulation (EU) No 651/2014 of 17 June 2014 declaring certain categories of aid compatible with the internal market in application of Articles 107 and 108 of the Treaty, as amended by Commission Regulation (EU) No 2017/1084 of 14 June 2017 amending Regulation (EU) No 651/2014 as regards aid for port and airport infrastructure, notification thresholds ta' notifika għall-għajnuna għall-kultura u l-konservazzjoni tal-wirt u għall-għajnuna għall-infrastruttura sportiva u rikreattiva multifunzjonali, u skemi ta' għajnuna operattiva reġjonali għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 702/2014 fir-rigward tal-kalkolu tal-ispejjeż eleġibbli, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/972 tat-2 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1407/2013 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 fir-rigward tal-estensjoni tiegħu u l-aġġustamenti rilevanti, mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237 tat-23 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, u mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2023/1315 tat-23 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, u r-Regolament (UE) 2022/2473 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna lill-impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akwakultura kompatibbli mas-suq intern fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-'Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija'), b'mod partikolari l-Artikolu 49 tiegħu.

L-inċentiv mhuwiex applikabbli għal dawn li ġejjin:

a. Impriżi f'diffikultà kif definiti skont ir-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija. Madankollu l-iskema se tapplika għal dawk l-impriżi li ma kinux impriża f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019, iżda li saru impriża f'diffikultà fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021.

b. Impriżi li huma soġġetti għal ordni ta' rkupru pendenti wara deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna mogħtija minn Malta illegali u inkompatibbli mas-suq intern għandhom ikunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

ċ. Impriżi attivi fis-settur tas-sajd u tal-akwakultura, fil-kamp tar-Regolament (UE) Nru 1379/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

d. Impriżi attivi fis-settur tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fil-każijiet li ġejjin:

i. fejn l-ammont tal-għajnuna jkun stabbilit abbażi tal-prezz jew tal-kwantità ta' tali prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;

ii. fejn l-għajnuna tkun ikkundizzjonata li tingħata parzjalment jew kompletament lill-produtturi primarji;

for aid for culture and heritage conservation and for aid for sport and multifunctional recreational infrastructures, and regional operating aid schemes for outermost regions and amending Regulation (EU) No 702/2014 as regards the calculation of eligible costs, by Commission Regulation (EU) 2020/972 of 2 July 2020 amending Regulation (EU) No. 1407/2013 as regards its prolongation and amending Regulation (EU) No 651/2014 as regards its prolongation and relevant adjustments, by Commission Regulation (EU) 2021/1237 of 23 July 2021 amending Regulation (EU) No 651/2014 declaring certain categories of aid compatible with the internal market in application of Articles 107 and 108 of the Treaty, and by Commission Regulation (EU) No 2023/1315 of 23 June 2023, amending Regulation (EU) No 651/2014 of 17 June 2014 declaring certain categories of aid compatible with the internal market in application of Articles 107 and 108 of the Treaty, and Regulation (EU) 2022/2473 declaring certain categories of aid to undertakings active in the production, processing and marketing of fishery and aquaculture products compatible with the internal market in application of Articles 107 and 108 of the Treaty (hereinafter referred to as the 'General Block Exemption Regulation'), particularly Article 49 thereof.

The incentive is not applicable to the following:

a. Undertakings in difficulty defined in terms of the General Block Exemption Regulation. However the scheme will apply to those undertakings which were not an undertaking in difficulty on the 31st of December 2019, but which became an undertaking in difficulty in the period from 1 January 2020 to 31 December 2021.

b. Undertakings which are subject to an outstanding recovery order following a previous Commission decision declaring an aid granted by Malta illegal and incompatible with the internal market should be excluded from the scope of this Regulation.

c. Undertakings active in the fishery and aquaculture sector, within the scope of Regulation (EU) No 1379/2019 of the European Parliament and of the Council.

d. Undertakings active in the sector of processing and marketing of agricultural products, in the following cases:

i. where the amount of the aid is fixed on the basis of the price or quantity of such products purchased from primary producers or put on the market by the undertakings concerned;

ii. where the aid is conditional on being partly or entirely passed on to primary producers;

e. għajnuna biex tiffaċilita l-għeluq ta' minjieri tal-faħam mhux kompetittivi, kif koperta mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2010/787.

Meta impriża tkun attiva fis-setturi esklużi msemmija f'punti (ċ) jew (d) t'hawn fuq u fis-setturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija, dan ir-Regolament japplika għall-għajnuna mogħtija fir-rigward ta' dawn is-setturi jew l-attivitajiet tal-aħħar, dment li l-Aġenzija tiżgura permezz ta' mezzi xierqa, bħas-separazzjoni tal-attivitajiet jew distinzjoni tal-ispejjeż, li l-attivitajiet fis-setturi esklużi ma jibbenefikawx mill-għajnuna mogħtija f'konformità ma' din l-iskema.

Barra minn hekk, l-assistenza ma tistax tingħata jekk l-għajnuna tkun:

i. relatata ma' attivitajiet ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, jiġifieri għajnuna marbuta direttament mal-kwantitajiet esportati, mal-istabbiliment u l-operat ta' network ta' distribuzzjoni jew ma' nefqa kurrenti oħra marbuta mal-attività ta' esportazzjoni.

ii. kontinġenti fuq l-użu ta' oġġetti domestiċi bi preferenza fuq oġġetti importati.

Se jiġi żgurat li din il-miżura mhijiex se tinvolvi, fiha nnifisha, bil-kundizzjonijiet marbuta magħha, jew bil-metodu ta' ffinanzjar tagħha, ksur inseparabbli tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari:

a. l-għoti tal-għajnuna mhuwiex soġġett għall-obbligu għall-benefiċjarju li jkollu s-sede tiegħu f'Malta jew li jkun predominantement stabbilit f'Malta; Madankollu, ir-rekwiżit li jkollu stabbiliment jew fergħa f'Malta fil-mument tal-pagament tal-għajnuna, huwa permess.

b. l-għoti tal-għajnuna mhuwiex soġġett għall-obbligu għall-benefiċjarju li juża oġġetti prodotti nazzjonalment jew servizzi nazzjonali.

Għal kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija taħt din l-iskema, li taqbeż €100,000 (jew €10,000 għall-benefiċjarji attivi fil-produzzjoni agrikola primarja), id-dettalji tal-benefiċjarju, l-għajnuna mogħtija, u d-dettalji tal-proġett għandhom jiġu ppubblikati kif previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija, fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tkun ingħatat l-għajnuna.

L-għajnuna tingħata irrispettivament minn jekk is-sejbiet tal-istima jiġux segwiti b'investiment eleġibbli għall-għajnuna taħt it-Taqsima 7 tar-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija.

e. aid to facilitate the closure of uncompetitive coal mines, as covered by Council Decision No 2010/787.

Where an undertaking is active in the excluded sectors as referred to in points (c) or (d) above and in sectors which fall within the scope of the General Block Exemption Regulation, this Regulation applies to aid granted in respect of the latter sectors or activities, provided that the Agency will ensure by appropriate means, such as separation of activities or distinction of costs, that the activities in the excluded sectors do not benefit from the aid granted in accordance with this scheme.

Furthermore, assistance may not be granted if the aid is:

i. related to export activities towards third countries or Member States, namely aid directly linked to quantities exported, to the establishment and operation of a distribution network or to the other current expenditure linked to export activity.

ii. contingent upon the use of domestic in preference to imported goods.

It will be ensured that this measure will not entail, by itself, by the conditions attached to it, or by its financing method, a non-severable violation of European Union law. In particular:

a. the granting of aid is not subject to the obligation for the beneficiary to have its headquarters in Malta or to be predominantly established in Malta; However, the requirement to have an establishment or branch in Malta at the moment of payment of the aid, is allowed.

b. the granting of aid is not subject to the obligation for the beneficiary to use nationally produced goods or national services.

For any individual aid awarded under this scheme, which is in excess of €100,000 (or €10,000 for beneficiaries active in primary agricultural production), the details of the beneficiary, the aid awarded, and the project details shall be published as provided for in Article 9 of the General Block Exemption Regulation, within 6 months from the date the aid was granted.

Aid shall be granted irrespective of whether the findings of the assessment are followed by an investment eligible for aid under Section 7 of the General Block Exemption Regulation.

Regoli dwar il-Kumulazzjoni tal-Għajnuna

Il-benefiċjarju m'għandux jibbenefika minn kwalunkwe għotja oħra lejn l-eżekuzzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija applikata għaliha permezz ta' dan l-Avviż.

Ir-regoli applikabbli dwar il-kumulazzjoni tal-għajnuna deskritti f'Artikolu 8 tar-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija għandhom jiġu rrispettati.

Skeda

Għan

L-għan tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija taħt din l-Iskema, huwa li l-intrapriża:

i) ittejjeb is-sensibilizzazzjoni tagħha dwar il-konsum tal-enerġija u tal-ilma tagħha;

ii) tidentifika u tevalwa, permezz ta' spejjeż u benefiċċji kkwantifikati, opportunitajiet speċifiċi ta' ffrankar tal-enerġija u tal-ilma; u

iii) tidentifika kif l-aħjar li tiġi implimentata sistema interna ta' ġestjoni tal-enerġija u tal-ilma.

Data

L-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandha tiġbor l-informazzjoni mitluba kif deskritt fil-Linji Gwida tal-Iskema.

Analiżi

Ir-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandu jinkludi rieżami tal-konsum tal-enerġija u tal-konsum tal-ilma kif deskritt fil-Linji Gwida tal-Iskema.

L-Identifikazzjoni u l-Evalwazzjoni tal-Opportunitajiet

L-istima għandha tidentifika opportunitajiet implimentabbli ta' titjib tar-Rendiment tal-enerġija u tal-ilma, inkluża informazzjoni dwar mekkanizmi ta' finanzjament disponibbli adattati għall-opportunitajiet differenti ta' titjib, kif deskritt fil-Linji Gwida tal-Iskema.

Output

L-intrapriża għandha tissottometti r-Rapport sħiħ tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għar-rieżami lill-Aġenzija. Il-lista fil-qosor tar-rekwiżiti minimi għar-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija hija disponibbli fil-Linji Gwida tal-Iskema.

L-14 ta' Lulju, 2026

Rules on Cumulation of Aid

The beneficiary shall not benefit from any other grant towards the execution of an Energy Performance Improvement Assessment applied for through this Notice.

The applicable rules on cumulation of aid outlined in Article 8 of the General Block Exemption Regulation will be respected.

Schedule

Aim

The aim of the Energy Performance Assessment under this Scheme, is for the enterprise to:

i) improve its awareness upon its energy and water consumption;

ii) identify and evaluate, through quantified costs and benefits, specific energy and water saving opportunities;

iii) identify how to best implement an internal energy and water management system.

Data

The Energy Performance Assessment shall collate the information requested as outlined in the Scheme Guidelines.

Analysis

The Energy Performance Assessment Report shall include a review of energy consumption and water consumption as outlined in the Scheme Guidelines.

Opportunities Identification and Evaluation

The assessment shall identify implementable energy and water performance improvement opportunities, including information on available financing mechanisms suitable for the different improvement opportunities, as outlined in the Scheme Guidelines.

Output

The enterprise shall submit the full Energy Performance Assessment Report for review to the Agency. The summary list of the minimum requirements for the Energy Performance Improvement Report is available in the Scheme Guidelines.

14th July, 2026

Nru. 1059

AĠENZIJA DWAR L-ENERĠIJA U L-ILMA

Il-Promozzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija fl-Iskema tal-Intrapriżi – Skema C: Applikazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 – ir-Regolament *de minimis*

SABIEX tkompli tinkoraġġixxi l-aħjar użu tar-riżorsi fi ħdan l-Intrapriżi kif ukoll biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ta' sostenibbiltà, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma qed tamministra l-iskema li ġejja ffinanzjata fuq livell nazzjonali li għandha l-għan li tippromwovi l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija fi ħdan l-Intrapriżi (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Iskema").

1. Deskrizzjoni tal-Iskema

Permezz ta' din l-Iskema, l-Intrapriżi li jikkwalifikaw jistgħu jibbenefikaw minn Servizz b'xejn fil-forma ta' żjarat fis-sit u konsultazzjonijiet ipprovduti permezz ta' Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat. Permezz ta' dan is-servizz, se jiġu identifikati opportunitajiet u investimenti għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u fl-ilma għal dawn l-intrapriżi.

Is-servizz m'għandux jingħata għall-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa biex jikkonformaw mad-Direttiva (UE) 2023/1791 dwar l-effiċjenza fl-enerġija u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni), sakemm l-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija tkun saret flimkien mal-awditu tal-enerġija obbligatorju skont dik id-Direttiva.

L-intrapriżi għandhom japplikaw permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali uffiċjali, li tinstab fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Wara s-sottomissjoni ta' din l-applikazzjoni, skont il-konsum medju annwali tal-enerġija tagħhom, l-intrapriżi jiġu diretti biex japplikaw għal din l-Iskema, għall-Iskema B irregolata min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1058 tal-2026, jew għall-Iskema A irregolata min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1057 tal-2026. Wara li jiġi sottomess tagħrif addizzjonali u wara li l-applikazzjoni titqies konformi taħt din l-Iskema, tinħareġ ittra ta' intenzjoni li warajha l-intrapriża tiġi avviċinata minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat nominat mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma.

2. Definizzjonijiet

Aġenzija – Referenza għall-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, inkluż kwalunkwe uffiċjal, rappreżentant, kumitat, jew persuna oħra debitament awtorizzata biex taġixxi f'isimha għall-finijiet tal-amministrazzjoni, il-verifika, l-approvazzjoni, ir-rifjut, l-irkupru, jew inkella l-infurzar ta' din l-Iskema.

Applikant – tfisser l-Intrapriża li tissottometti applikazzjoni taħt din l-Iskema jew, fejn applikabbli,

No. 1059

ENERGY AND WATER AGENCY

Promotion of Energy Performance Assessment in Enterprises Scheme – Scheme C: Applications under Commission Regulation (EU) 2023/2831 - the *de minimis* Regulation

IN order to further encourage the better use of resources within Enterprises and also to reach the national sustainability targets, the Energy and Water Agency is administering the following national funded scheme which aims to Promote Energy Performance Assessment within Enterprises (hereinafter referred to as the "Scheme").

1. Scheme Description

Through this Scheme, qualifying Enterprises may benefit from a Free Service in the form of walk-in site visits and consultations provided through a Certified Energy Auditor. Through this service, energy and water efficiency improvement opportunities and investments will be identified for these enterprises.

The service shall not be granted for Energy Performance Assessments carried out to comply with Directive (EU) 2023/1791 on energy efficiency and amending Regulation (EU) 2023/955 (recast), unless the Energy Performance Assessment is carried out in addition to the mandatory energy audit under that Directive.

Enterprises are to apply on the official General Application Form, which can be found on the Energy and Water Agency website. Following the submission of this application, depending on their average annual energy consumption, enterprises are directed to apply for this Scheme, Scheme B governed by Government Notice No. 1058 of 2026, or Scheme A governed by Government Notice No. 1057 of 2026. After submitting additional information and having been deemed complaint under this Scheme, a letter of intent will be issued following which the enterprise will be approached by a Certified Energy Auditor nominated by the Energy and Water Agency.

2. Definitions

Agency – means the Energy and Water Agency, including any officer, representative, committee, or other person duly authorised to act on its behalf for the purposes of administering, verifying, approving, refusing, recovering, or otherwise enforcing this Scheme.

Applicant – means the Enterprise submitting an application under this Scheme or, where applicable, the l-intrapriża prinċipali, kontrollanti, jew awtorizzata li tissottometti l-applikazzjoni f'isem dik l-Intrapriża, soġġett għas-sodisfazzjon tal-Aġenzija li tali persuna hija debitament awtorizzata biex tagħmel hekk.

Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat – Ppersuna inkluża fil-lista uffiċjali ppubblikata fuq is-sit web tar-REWS li tikkonferma li l-awditur attenda taħriġ f'konformità mal-ISO 50002.

Intrapriża – Kwalunkwe persuna ġuridika jew naturali, inkluża kwalunkwe soċjetà kummerċjali u kwalunkwe soċjetà ċivili, li hija involuta f'attività ekonomika jew teżerċita atti kummerċjali.

Stima tar-Rendiment tal-Enerġija – Pproċedura sistematika bil-għan li jinkiseb għarfien adegwat tal-profil eżistenti tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma ta' bini jew grupp ta' binjiet, operazzjoni jew installazzjoni industrijali jew kummerċjali jew servizz privat jew pubbliku, li jidentifika u jikkwantifika opportunitajiet kosteffettivi għall-iffrankar tal-enerġija u/jew tal-ilma, u jirrapporta s-sejbiet. Għall-finijiet ta' din l-Iskema, ir-Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema.

Rapport tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija – Rapport bil-miktub imħejji minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat wara Stima tar-Rendiment tal-Enerġija u sottomess lill-Aġenzija għall-verifika, liema rapport għandu jikkonforma mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema u din l-Iskeda.

Servizz b'xejn – Iż-żjarat fis-sit u l-konsultazzjonijiet ipprovduti taħt din l-Iskema permezz ta' Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat nominat mill-Aġenzija, b'valur monetarju limitat ta' €500 u mhux pagabbli fi flus lill-Applikant.

Ittra ta' Intenzjoni – Il-komunikazzjoni bil-miktub maħruġa mill-Aġenzija li tikkonferma li applikazzjoni tista' tipproċedi għall-istadju tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija, dejjem soġġetta għall-kundizzjonijiet ta' din l-Iskema, il-Linji Gwida tal-Iskema, ir-Regolament *de minimis*, u kwalunkwe kundizzjoni msemmija f'dik il-komunikazzjoni.

Linji Gwida tal-Iskema – Id-dokument komplementari uffiċjali maħruġ biex jipprovdi informazzjoni u gwida ddettaljata lill-applikanti matul l-istadji tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Iskema. L-informazzjoni li tinsab fil-Linji Gwida tal-Iskema tista' tiġi rriveduta perjodikament, biex tirrifletti aġġornamenti, kjarifiki, jew titjib fl-Iskema. L-aħħar verżjoni tal-Linji Gwida tal-Iskema għandha f'kull ħin tkun disponibbli fuq is-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. L-applikanti u l-benefiċjarji għandhom jikkonformaw mal-verżjoni tal-Linji Gwida tal-Iskema

parent, controlling, or authorised enterprise submitting the application on behalf of that Enterprise, subject to the Agency's satisfaction that such person is duly authorised to do so.

Certified Energy Auditor - A Certified Energy Auditor is a person included in the official list published on the website of REWS confirming that the auditor has attended training in line with ISO 50002.

Enterprise – An Enterprise means any legal or natural person, including any commercial partnership and any civil partnership, that is engaged in an economic activity or exercises acts of trade.

Energy Performance Assessment - An Energy Performance Assessment is a systematic procedure with the purpose of obtaining adequate knowledge of the existing energy and water consumption profile of a building or group of buildings, an industrial or commercial operation or installation or a private or public service, identifying and quantifying cost-effective energy and/or water savings opportunities, and reporting the findings. For the purpose of this Scheme the Energy Performance Assessment Report shall comply with the minimum requirements established in the Scheme Guidelines;

Energy Performance Assessment Report – means the written report prepared by a Certified Energy Auditor following an Energy Performance Assessment and submitted to the Agency for verification, which report shall comply with the minimum requirements set out in the Scheme Guidelines and this Schedule.

Free Service – means the walk-in site visits and consultations provided under this Scheme through a Certified Energy Auditor nominated by the Agency, attributed a capped monetary value of €500 and not payable in cash to the Applicant.

Letter of Intent – means the written communication issued by the Agency confirming that an application may proceed to the Energy Performance Assessment stage, subject always to the terms of this Scheme, the Scheme Guidelines, the *de minimis* Regulation, and any conditions stated in that communication.

Scheme Guidelines – Scheme Guidelines means the official complementary document issued to provide detailed information and guidance to applicants during the application and implementation stages of the Scheme. The information contained in the Scheme Guidelines may be revised periodically, to reflect updates, clarifications, or improvements to the Scheme. The most recent version of the Scheme Guidelines shall at all times be made available on the website of the Energy and Water Agency. Applicants and beneficiaries shall comply with the version of the Scheme applikabbli fl-istadju rilevanti tal-applikazzjoni, l-istima, ir-rappurtaġġ, jew il-proċess ta' pagament, kif determinat mill-Aġenzija.

Skema A – L-iskema rregolata mir-Regolament *de minimis* kif stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1057 tal-2026. Taħt din l-iskema, applikant jiġi mogħti għotja mhux ripagabbli li tkopri l-ispiża eleġibbli mġarrba mill-benefiċjarju għall-preparazzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat.

Skema B – L-iskema rregolata mir-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali ta' Kategorija kif stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1058 tal-2026. Taħt din l-iskema, applikant jiġi mogħti għotja mhux ripagabbli li tkopri l-ispiża eleġibbli mġarrba mill-benefiċjarju għall-preparazzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija mwettqa minn Awditur tal-Enerġija Ċċertifikat.

Impriża Unika – Għandha tinkludi, għall-finijiet ta' din l-Iskema, l-intrapriżi kollha li jkollhom mill-inqas waħda (1) mir-relazzjonijiet li ġejjin ma' xulxin:

i. intrapriża waħda għandha maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;

ii. intrapriża waħda għandha d-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' intrapriża oħra;

iii. intrapriża waħda għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt konkluż ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha;

iv. intrapriża waħda, li hija azzjonista fi jew membru ta' intrapriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma' azzjonisti oħrajn fi jew membri ta' dik l-intrapriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża.

L-intrapriżi li jkollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet imsemmija f'punti (i) sa (iv) tal-ewwel subparagrafu permezz ta' intrapriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu wkoll bħala impriża unika.

Din id-definizzjoni hija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*, li jindika wkoll li grupp ta' intrapriżi marbuta jitqies bħala impriża unika għall-applikazzjoni tar-regola *de minimis*, iżda dawk l-intrapriżi li m'għandhom l-ebda relazzjoni ma' xulxin, ħlief għall-fatt li kull waħda minnhom għandha rabta diretta mal-istess korpi pubbliċi, m'għandhomx jiġu ttrattati bħala li huma marbuta ma' xulxin. Għalhekk, is-sitwazzjoni

Guidelines applicable at the relevant stage of the application, assessment, reporting, or payment process, as determined by the Agency.

Scheme A – means the scheme governed by the *de minimis* Regulation as established by Government Notice No. 1057 of 2026. Under this scheme, an applicant is awarded a non-repayable grant covering the eligible cost incurred by the beneficiary for the preparation of an Energy Performance Assessment carried out by a Certified Energy Auditor;

Scheme B – means the scheme governed by the General Block Exemption Regulation as established by Government Notice No. 1058 of 2026. Under this scheme, an applicant is awarded a non-repayable grant covering the eligible cost incurred by the beneficiary for the preparation of an Energy Performance Assessment carried out by a Certified Energy Auditor;

Single Undertaking - means all enterprises having at least one (1) of the following relationships with each other:

i. one enterprise has a majority of the shareholders' or members' voting rights in another enterprise;

ii. one enterprise has the right to appoint or remove a majority of the members of the administrative, management or supervisory body of another enterprise;

iii. one enterprise has the right to exercise a dominant influence over another enterprise pursuant to a contract entered into with that enterprise or to a provision in its memorandum or articles of association;

iv. one enterprise, which is a shareholder in or member of another enterprise, controls alone, pursuant to an agreement with other shareholders in or members of that enterprise, a majority of shareholders' or members' voting rights in that enterprise.

Enterprises having any of the relationships referred to in points (i) to (iv) of the above through one or more other enterprises shall also be considered to be a single undertaking.

This definition is as per Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of the Treaty on the Functioning of the European Union to *de minimis* aid, which further indicates that a group of linked enterprises is considered as one single undertaking for the application of the *de minimis* rule. However, those enterprises that have no relationship with each other, except for the fact that each of them has a direct link to the same public body or bodies, should not be treated as being linked to each other. The specific situation of enterprises controlled speċifika tal-intrapriżi kkontrollati mill-istess korp pubbliċi, li fihom l-intrapriżi jista' jkollhom setgħa indipendenti ta' deċiżjoni, għandha tittieħed inkonsiderazzjoni.

Il-Konsum Totali Annwali tal-Enerġija – għandu jfisser il-kwantità totali ta' enerġija kkunsmata mill-impriża matul it-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha f'sena partikolari, inklużi, mingħajr limitazzjoni, il-fuels ikkunsmati għal finijiet ta' trasport. Il-Konsum Totali Annwali tal-Enerġija għandu jiġi kkalkulat bħala l-aggregat ta' dawn li ġejjin:

i. Il-Konsum tal-Elettriku tal-intrapriża;

ii. Il-Konsum tal-Fuel tal-intrapriża;

Aktar dettalji dwar l-ambitu u l-interpretazzjoni ta' kull wieħed mill-komponenti t'hawn fuq huma stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Iskema.

3. Benefiċjarji

Il-benefiċjarji maħsuba tal-Promozzjoni tal-Istima tar-Rendiment tal-Enerġija fl-Iskema tal-Intrapriżi – Skema Ċ, huma intrapriżi li għandhom konsum medju annwali tal-enerġija fuq it-tliet snin preċedenti, meħudin il-carriers kollha tal-enerġija flimkien, ta' taħt 0.14 GWh (0.5 TJ).

L-intrapriża applikanti m'għandhiex tkun intrapriża soġġetta għal kwalunkwe obbligu statutorju li twettaq awditu tal-enerġija.

Tali intrapriżi għandhom ikunu eleġibbli għall-għajnuna *de minimis* skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ir-Regolament *de minimis*)[1].

4. Dettalji tal-Għajnuna

L-assistenza taħt din l-Iskema għandha tingħata fil-forma ta' Servizz b'xejn li jikkonsisti fi żjarat fis-sit u konsultazzjonijiet ipprovduti minn Awditur tal-Enerġija ċċertifikat nominat mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Dawn se jiffukaw fuq li jgħinu lill-intrapriża tifhem il-konsum tal-enerġija u tal-ilma tagħha u jipprovdu tagħrif dwar prattiċi possibbli ta' konservazzjoni tal-enerġija u tal-ilma u riżorsi ta' ffinanzjar disponibbli.

Filwaqt li s-servizz qiegħed jiġi pprovdut b'xejn lill-applikant, tali servizz qiegħed jiġi attribwit valur monetarju limitat ta' €500.

[1]https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/2831/oj

by the same public body or bodies, in which the enterprises may have independent power of decision, should therefore be taken into account.

Total Annual Energy Consumption – shall mean the total quantity of energy consumed by the undertaking in the course of carrying out its economic activities in a given year, including, without limitation, fuels consumed for transportation purposes. The Total Annual Energy Consumption shall be calculated as the aggregate of the following:

i. Electricity Consumption of the enterprise;

ii. Fuel Consumption of the enterprise;

Further details regarding the scope and interpretation of each of the above components are set out in the Scheme Guidelines.

3. Beneficiaries

The intended beneficiaries of the Promotion of Energy Performance Assessment in Enterprises Scheme – Scheme C, are enterprises that have an average annual energy consumption over the previous three years, taking all energy carriers together, of below 0.14 GWh (0.5 TJ).

The applicant enterprise shall not be an enterprise subject to any statutory obligation to carry out an energy audit.

Such enterprises must be eligible for *de minimis* aid under Commission Regulation (EU) 2023/2831 of 13 December 2023 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to *de minimis* aid (the *de minimis* Regulation)[1].

4. Details of Aid

The assistance under this Scheme shall be granted in the form of a Free Service consisting of walk-in site visits and consultations provided by a certified Energy Auditor nominated by the Energy and Water Agency. These will focus on helping the enterprise understand their energy and water consumption and provide insight on possible energy and water conservation practices and available funding recourses.

While the service is being provided for free to the applicant, such a service is being attributed a capped monetary value of €500.

[1]https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2023/2831/oj

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħtija kumulattivament lill-Impriża Unika m'għandux jaqbeż €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin konsekuttivi, f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831.

The total amount of *de minimis* aid granted cumulatively to the Single Undertaking shall not exceed €300,000 over any period of three consecutive years, in accordance with Commission Regulation (EU) 2023/2831.

Impriża li ma tagħmilx parti minn impriża unika tista' tibbenefika darba biss kull erba' (4) snin taħt din l-Iskema.

An undertaking that does not form part of a single undertaking may benefit only once every four (4) years under this Scheme.

5. Spiża Eleġibbli

5. Eligible Cost

Is-servizz ipprovdut permezz ta' din l-Iskema huwa mingħajr ħlas għall-Intrapriżi eleġibbli. Spejjeż, telf, dewmien, tfixkil, jew tnaqqis fil-produzzjoni jew fl-operazzjonijiet imġarrba mill-Applikant jew kwalunkwe Intrapriża b'konnessjoni mal-applikazzjoni, ir-riċeviment, jew l-azzjoni fuq is-servizz mhumiex eleġibbli għal rimborż jew kumpens taħt din l-Iskema. L-Aġenzija tista' tirrifjuta, iżżomm, jew tirkupra l-valur tas-servizz fejn l-Applikant ikun ineliġibbli, ikun ipprovda informazzjoni mhux preċiża jew qarrieqa, jew jonqos milli jikkonforma ma' din l-Iskema, mal-Linji Gwida tal-Iskema, jew mar-regoli applikabbli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

The service provided through this Scheme is free of charge to eligible Enterprises. Expenses, losses, delays, disruption, or reductions in production or operation incurred by the Applicant or any Enterprise in connection with applying for, receiving, or acting upon the service shall not be eligible for reimbursement or compensation under this Scheme. The Agency may reject, withhold, or recover the value of the service where the Applicant is ineligible, has provided inaccurate or misleading information, or fails to comply with this Scheme, the Scheme Guidelines, or applicable State aid rules.

6. Formola tal-Applikazzjoni

6. Application Form

L-applikanti jistgħu japplikaw għal din l-iskema permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali li tista' titniżżel mis-sit web tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma. Kif indikat fil-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali, l-applikanti huma meħtieġa jissottomettu:

Applicants may apply for a grant under this scheme by means of the General Application Form downloadable from the website of the Energy and Water Agency. As indicated in the General application form, applicants are required to submit:

a. In-Numru tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpanija, kif irreġistrat mar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta, tal-intrapriża li tissottometti l-applikazzjoni għall-għotja taħt din l-iskema. Fejn l-Intrapriża li qiegħda tapplika ma jkollhiex tali numru ta' reġistrazzjoni, l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa mill-intrapriża prinċipali, kontrollanti, jew oħra debitament awtorizzata fl-istess Impriża Unika, kif aċċettata mill-Aġenzija, u tali intrapriża għandha tiżgura konformità sħiħa mill-Intrapriża li qiegħda tapplika mar-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din l-Iskema, il-Linji Gwida tal-Iskema, u l-formoli ta' applikazzjoni rilevanti.

a. The Company Registration Number, as recorded with the Malta Business Registry, of the enterprise submitting the application for the grant under this scheme. Where the applying Enterprise does not possess such a registration number, the application shall be submitted by the parent, controlling, or other duly authorised enterprise within the same Single Undertaking, as accepted by the Agency, and such enterprise shall ensure full compliance by the applying Enterprise with all requirements set out in this Scheme, the Scheme Guidelines, and the relevant application forms.

b. Kopja tal-Karta tal-Identità/Dettalji tal-passaport tal-applikant jew tar-rappreżentant legali fil-każ ta' kumpanija jew organizzazzjoni;

b. A copy of the ID card/Passport details of applicant or legal representative in case of a company or organisation;

ċ. Kopja taċ-Ċertifikat tal-VAT fil-każ ta' kummerċjant waħdieni;

c. A copy of the VAT Certificate in case of a sole trader;

d. Lista tan-numri tal-kontijiet tal-utilità tal-binjiet kollha li huma proprjetà tal-intrapriża u li jiffurmaw parti mill-attivitajiet ekonomiċi tagħha;

d. A list of utility bill account numbers of all premises owned by the enterprise and which form part of its economic activities;

e. Kunsens tal-GDPR biex jaċċessaw il-kontijiet u joħorġu l-informazzjoni meħtieġa;

f. Sottomissjoni tal-aħħar kont tal-utilità għal kull numru tal-kont elenkat f'punt (d), jew tali evidenza dokumentarja oħra kif tista' taċċetta l-Aġenzija, biex tistabbilixxi li l-kont rilevanti huwa rreġistrat f'isem l-Intrapriża jew huwa inkella attribwibbli għall-attivitajiet ekonomiċi tal-Intrapriża għas-sodisfazzjon tal-Aġenzija; u

ġ. It-tlestija tat-Taqsima 3 tal-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali biex tindika l-lista tal-fuels ikkunsmati mill-intrapriża matul it-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha.

Wara t-tlestija u s-sottomissjoni tal-Formola tal-Applikazzjoni Ġenerali, l-applikant jiġi avviċinat minn rappreżentant tal-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma għal kwalunkwe kjarifika ulterjuri. Ladarba l-Formola tal-Applikazzjoni Ġenerali tiġi approvata, l-applikant jiġi gwidat lejn l-aħjar għajnuna possibbli disponibbli minn din l-Iskema, l-Iskema B stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1058 tal-2026, jew l-Iskema A stabbilita min-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1057 tal-2026. Billi jissottometti l-Formola ta' Applikazzjoni Ġenerali, l-Applikant jawtorizza lill-Aġenzija biex tivverifika l-informazzjoni sottomessa u biex titlob, tikseb, u tipproċessa tali informazzjoni minn korpi pubbliċi rilevanti, fornituri ta' servizzi, reġistri, u awtoritajiet kompetenti oħrajn kif jista' jkun meħtieġ għall-amministrazzjoni, il-verifika, l-awditjar, u l-infurzar ta' din l-Iskema.

Jekk l-applikant jixtieq jipproċedi bl-applikazzjoni għal għotja taħt din l-Iskema, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja tkun mitluba permezz tal-Formola ta' Applikazzjoni tal-Għotja tal-Iskema:

a. Formola ta' dikjarazzjoni *de minimis* iffirmata mir-rappreżentant legali tal-impriża unika li turi kwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li tkun inġiebet u/jew ġiet applikata għaliha mill-impriża unika matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi fuq il-formola xierqa online jew jintbagħtu fl-indirizz elettroniku (energyefficiency@gov.mt). L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

Jiġu pproċessati biss applikazzjonijiet li huma kompluti, debitament iffirmati, u akkumpanjati bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mill-Aġenzija. L-Aġenzija tista' tirrifjuta, tissospendi, jew titlob il-korrezzjoni jew l-irtirar ta' kwalunkwe applikazzjoni li tkun inkompleta, mhux korretta, qarrieqa, mhux appoġġjata, jew inkella mhux konformi ma' din l-Iskema, il-Linji Gwida tal-Iskema, jew ir-regoli applikabbli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

e. GDPR consent to access accounts and extract the necessary information;

f. Submission of the latest utility bill for each account number listed in point (d), or such other documentary evidence as the Agency may accept, to establish that the relevant account is registered in the Enterprise's name or is otherwise attributable to the Enterprise's economic activities to the Agency's satisfaction;

g. The completion of Section 3 of the General Application form to indicate the list of fuels consumed by the enterprise in the course of undergoing its economic activities.

Following the completion and submission of the General Application, the applicant will be approached by a representative of the Energy and Water Agency for any further clarifications. Once the General Application has been endorsed, the applicant will be guided towards the best possible aid available from this Scheme, Scheme B established by Government Notice No. 1058 of 2026, or Scheme A established by Government Notice No. 1057 of 2026. By submitting the General Application Form, the Applicant authorises the Agency to verify the information submitted and to request, obtain, and process such information from relevant public bodies, service providers, registries, and other competent authorities as may be necessary for the administration, verification, audit, and enforcement of this Scheme.

Should the applicant wish to proceed with applying for a grant under this Scheme, the following additional information will be requested through the Scheme Grant Application:

a. A *de minimis* declaration form signed by the legal representative of the single undertaking showing any other *de minimis* aid received and/or applied for by the single undertaking during the applicable three-year period.

Applications shall be submitted on the appropriate form online or sent to the email address (energyefficiency@gov.mt). Applications will be processed on a first-come first-served basis.

Only applications that are complete, duly signed, and accompanied by all information and documentation required by the Agency shall be processed. The Agency may reject, suspend, or require the correction or withdrawal of any application that is incomplete, inaccurate, misleading, unsupported, or otherwise non-compliant with this Scheme, the Scheme Guidelines, or applicable State aid rules.

7. Sa meta hija Valisa l-Iskema

L-applikazzjonijiet għal din is-sejħa taħt l-iskema jistgħu jintlaqgħu b'mod validu mit-8 ta' Lulju 2026 sal-31 ta' Diċembru 2029.

Din l-iskema tista' tiġi mmodifikata jew itterminata qabel dik id-data permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema tista' tiġi mġedda kif jista' jitqies meħtieġ mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma wkoll permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8. Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat

8.1 Għajnuna mill-Istat Applikabbli

Din l-iskema se tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ir-Regolament *de minimis*).

L-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħti lil impriża unika m'għandux jaqbeż l-ammont ta' €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin konsekuttivi.

Għal kull għotja ġdida ta' għajnuna *de minimis*, l-ammont totali ta' għajnuna *de minimis* mogħti fil-perjodu applikabbli ta' tliet snin, jeħtieġ li jittieħed inkonsiderazzjoni.

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Romario Grech (0187396M) vs Charlene Marie Vizzini (409584M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 13th February, 2026, the applicants asked this Honourable Court to:

1. Declare that in the premises No 86, Flat 2, Triq Victor Vassallo, Ħ'Attard there existed latent defects at the moment of sale;

2. Declare that the respondent knew that the premises is damaged by defects and chose to conceal them from the applicant before the sale;

3. Declare the contract of sale in the records of Notary Dr Annalise Micallef, dated twenty-fifth (25) of March, two thousand twenty-five (2025) dissolved;

4. Subsequently order the respondent to refund the applicant the price paid by him on the said contract;

5. Liquidate the damages suffered by the applicant due to the latent defects in question;

6. Condemn the respondent to pay the applicant the damages so liquidated.

With costs and legal interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 121/2026RM in the names above is postponed to the 8th October, 2026, at 9.45 a.m.

Notification: Charlene Marie Vizzini, 86, Flat 2, Triq Victor Vassallo, Ħ'Attard

Registry of the Superior Courts, today 9th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1793

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjoniali), fit-2 ta' Marzu, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 14/2026DC, fl-ismijiet: Dolores Grech Zammit vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Dolores Grech Zammit (799149M) vs l-Avukat tal-Istat u Joseph Debono

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 2nd March, 2026, in the records of the Sworn application 14/2026DC, in the names: Dolores Grech Zammit vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Dolores Grech Zammit (799149M) vs the State Advocate and Joseph

(0487057M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-13 ta' Jannar, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-fatti su esposti jikkonstitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

2. Konsegwentement, tiddikjara u tiddeċiedi li l-fond Joe's Holiday Services, Triq iċ-Ċern, Buġibba, San Pawl il-Baħar, a favur tal-intimat u d-dispożizzjonijiet tal-liġi imorru kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

3. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u tiddeċiedi illi r-rikorrenti mhijiex obbligata ġġedded il-kirja tal-fond hawn fuq msemmi lill-intimat Joseph Debono u tiddikjara għalhekk illi r-rikorrenti hija intitolata tirriprendi l-pussess sħiħ tal-istess fond;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, hekk kif ma ġiex kkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini;

5. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti;

6. Tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u nonpekunjarji hekk kif likwidati, bl-imgħax legali tat-8% fis-sena mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 14/2026DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Settembru, 2026, fid-9.15 a.m.

Notifika: Joseph Debono, Geranium, Triq il-Wileġ, Buġibba, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Debono (0487057M) filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 13th January, 2026, the applicants asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that the above facts constitute an infringement of the applicant's fundamental rights;

2. Consequently, declare and decide that the premises Joe's holiday services, Triq iċ-Ċern, Buġibba, St Paul's Bay in favour of the respondent and the provisions of law violate fundamental human rights;

3. Consequently give those orders, issue those acts, and give those directives that it deems fit to ensure the fulfilment of the fundamental rights of the applicant and decide that the applicant is not obliged to renew the lease of the premises above mentioned to the respondent Joseph Debono and declare thus that the applicant is entitled to take back the full possession of the same premises;

4. Declare and decide that the respondents or either of whom are responsible for compensation and pecuniary and non-pecuniary damages suffered by the applicants as a consequence of the violation of the fundamental rights of the applicants, as a fair balance was not created between the rights of the owner and those of the lessees;

5. Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicant;

6. Condemn the respondent to pay the applicant the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as liquidated, with legal interest of 8% per annum from the date of filing of the present cause till the date of effective payment.

With all costs and the respondents are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 14/2026DC in the names mentioned above is deferred to the 28th September, 2026, at 9.15 a.m.

Notification: Joseph Debono – Geranium, Wileġ Street, Buġibba, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts, today 9th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1794

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Frar, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 997/2025JVC, fl-ismijiet: Anthony Mizzi et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni,

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd February, 2026, in the records of Sworn application number 997/2025JVC, in the names: Anthony Mizzi et vs Director Public Registry et the following a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Anthony Mizzi (591859M) et vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et ppreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Settembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-aħħar testment tad-defunta Carmela Mizzi datat 12 ta' Settembru, 2022, fl-atti tan-nutar Joseph Lia huwa null ab initio qua invalidu u dan ai termini tal-Artikolu 525 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-defunta Carmela Mizzi kienet inabilitata permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja datat is-7 ta' Diċembru, 2017;

2. Tħassar, tannulla u tikkanċella mil-lista tal-enrolment fi ħdan ir-Reġistru Pubbliku l-aħħar testment datat 12 ta' Settembru, 2022, fl-atti tan-nutar Joseph Lia;

3. Tordna illi kwalunkwe att pubbliku li jagħmel referenza għal tali testament huwa invalidu u għandu jitneħħa mill-lista tal-enrolments fi ħdan ir-Reġistru Pubbliku u minn kull reġistru pubbliku ieħor.

4. Tiddeċiedi u tawtorizza li l-apertura tas-suċċessjoni tad-defunta Carmela Mizzi għandha ssir a tenur tal-ewwel testment tagħha datat 12 ta' Settembru, 2016, fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, u konsegwentement Tordna lir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali u lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u kull awtorità oħra kompetenti, sabiex jagħmlu dawk il-korrezzjonijiet kollha neċessarji sabiex l-apertura tas-suċċessjoni issir a tenur tat-testment datat 12 ta' Settembru 2016 l-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna;

5. Tordna lin-Nutara Dott. Sarah Scerri, jew nutar ieħor maħtur minn din l-istess Qorti, sabiex tagħmel l-apertura tas-suċċessjoni a tenur tat-testment datat 12 ta' Settembru, 2016, fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna; u

6. Tagħti kull ordni jew provvediment ieħor li jkun jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi odjerni.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra ġudizzjarja numru 974/2025 datata 3 ta' Marzu, 2025, kontra l- intimati li minn issa huma inġunti għas-sedizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 997/2025JVC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-15 ta' Lulju, 2026, fil-11.20 a.m.

Notifika Intimat: In-Nutar Dott. Joseph Lia, 18, Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Anthony Mizzi (591859M) et vs Director Public Registry et filed in the Civil Court, First Hall, on the 25th September, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the last will of the late Carmela Mizzi dated 12th September, 2022, in the records of Notary Joseph Lia is null ab initio qua invalid and this in terms of Article 525 of Cap. 12 of the Laws of Malta since the late Carmela Mizzi was incapacitated by means of a decree of the Court of Voluntary jurisdiction dated 7th December, 2017;

2. Erase, annul and cancel from the list of enrolment within the Public Registry the last will dated 12th September, 2022, in the acts of Notary Joseph Lia;

3. Order that any public deed making reference to such will is invalid and shall be removed from the list of enrolments within the Public Registry and from any other public registry.

4. Decide and authorise that the opening of the succession of the deceased Carmela Mizzi be made in terms of her first will dated 12th September, 2016, in the records of Notary Anne Marie Tonna, and consequently order the Registrar, Civil Courts and Tribunals and the Director of Public Registry and any other competent authority, to make all those necessary corrections so that the opening of the succession is made in terms of the will dated 12th September 2016 1 - records of Notary Anne Marie Tonna;

5. Order Notary Dr Sarah Scerri, or another notary appointed by this same Court, to make the opening of the succession in terms of the will dated 12th September, 2016, in the records of Notary Anne Marie Tonna; and

6. Give any other order or provision it deems fit and opportune in the present circumstances.

With costs, including judicial letter number 974/2025 dated 3rd March, 2025, against the respondents who are from now summoned for sedition.

The Sworn application number 997/2025JVC in the names mentioned above is postponed for hearing to the 15th July, 2026, at 11.20 a.m.

Notification respondent: Notary Dr Joseph Lia, 18, Triq il-Kbira, Ħaż-Żabbar

Registry of the Superior Courts, today 9th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1795

ARB/C017/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-26 ta' Frar, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Edwina Grima, LLD), fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

KEITH SCHEMBRI;

KONRAD MIZZI;

KARL CINI, accountant, ta' 51 sena, iben Joseph Cini u Josephine Cini xebba Grima, imwieled San Ġiljan, Malta, fil-15 ta' Marzu, 1975, residenti fi 2A, 'Hill Valley', Triq il-Gardell, San Ġwann, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 136975M.

BRIAN TONNA;

YORGEN FENECH;

PAUL APAP BOLOGNA;

MARIO PULLICINO;

NEXIA BT LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

NEW ENERGY SUPPLY LIMITED;

AND

OEGP LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil KARL CINI sabiex iħallas l-ammont ta' ħamest elef, sitt mija u wieħed u erbgħin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€5,641.33) lis-soċjetà Muscat Motors. It-tali ammont għandu jitħallas mill-kont bankarju intestat f'isem KARL CINI, li jispiċċa bin-numru -0018 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fil-5 ta' Frar, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta' Frar, 2025, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli

ARB/C017/2025 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 26th February, 2026, given by the Criminal Court (the Hon. Judge Dr Edwina Grima, LLD), in the case:

The Republic of Malta

Versus

KEITH SCHEMBRI;

KONRAD MIZZI;

KARL CINI, accountant, 51 years, son of Joseph Cini and Josephine Cini née Grima, born in St Julian's, Malta, on the 15th March, 1975, residing at 2A, 'Hill Valley', Triq il-Gardell, San Ġwann, and holder of Maltese Identity Card bearing number 136975M.

BRIAN TONNA;

YORGEN FENECH;

PAUL APAP BOLOGNA;

MARIO PULLICINO;

NEXIA BT LIMITED;

BTI MANAGEMENT LIMITED;

NEW ENERGY SUPPLY LIMITED;

AND

OEGP LIMITED;

The Court AUTHORISES KARL CINI to pay the amount of five thousand six hundred forty-one euro and thirty-three cents (€5,641.33) to Muscat Motors. The amount shall be paid from the bank account held in the name of KARL CINI, ending in -0018 and held with Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 5th February, 2025, which was published in the Government Gazette on the 14th of February, 2025, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Keith Schembri, Konrad Mizzi, KARL CINI, Brian Tonna, Yorgen Fenech, Paul Apap Bologna, Mario Pullicino, Nexia Bt Limited, Bti Management Limited, New Energy Supply Limited, Oegp Limited.

Illum 10 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Keith Schembri, Konrad Mizzi, KARL CINI, Brian Tonna, Yorgen Fenech, Paul Apap Bologna, Mario Pullicino, Nexia Bt Limited, Bti Management Limited, New Energy Supply Limited, Oegp Limited.

Today 10th July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1796

ARB/C039/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta'Ġunju, 2026, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JOSEPH MUSCAT

KONRAD MIZZI;

KEITH SCHEMBRI;

CLARENCE JOHN CONGER-THOMPSON;

CHRISTOPHER SPITERI;

JONATHAN VELLA;

DAVID-JOSEPH MELI;

IVAN VASSALLO, direttur, ta' 61 sena, iben il-mejjet Anthony Vassallo u Maria Vassallo xebba Busuttil, imwieled l-Imtarfa, Malta, fl-24 ta' April, 1965, u residenti f'Ella Court, Flat 5, Vjal ir-Repubblika, Ħal Għargħur, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 254865M.

MARIO VICTOR GATT;

BRIAN BONDIN;

ADRIAN HILLMAN;

PIERRE SLADDEN;

BRIAN TONNA;

KARL CINI;

ARB/C039/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd June, 2026, given by the Criminal Court (the Hon. Judge Dr Edwina Grima, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

JOSEPH MUSCAT;

KONRAD MIZZI;

KEITH SCHEMBRI;

CLARENCE JOHN CONGER-THOMPSON;

CHRISTOPHER SPITERI;

JONATHAN VELLA;

DAVID-JOSEPH MELI;

IVAN VASSALLO, director, 61 years, son of the late Anthony Vassallo and Maria Vassallo née Busuttil, born in Mtarfa, Malta, on the 24th April, 1965, and residing at Ella Court, Flat 5, Vjal ir-Repubblika, Ħal Għargħur and holder of Maltese identity card bearing number 254865M.

MARIO VICTOR GATT;

BRIAN BONDIN;

ADRIAN HILLMAN;

PIERRE SLADDEN;

BRIAN TONNA;

KARL CINI;

SCIACCA GRILL LIMITED;

KASCO ENGINEERING COMPANY LIMITED;

FSV LIMITED;

MTRACE PLC;

GATEWAY SOLUTIONS LIMITED;

TECHNOLINE LIMITED;

EURYBATES LIMITED;

TAOMAC LIMITED;

U

NEXIA BT LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil IVAN VASSALLO iħallas lid-Dipartiment tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana l-ammont ta' erba' mija u sitta u sebgħin ewro (€476). Din is-somma għandha titħallas mill-kont bankarju mal-Bank of Valletta plc miżmum f'isem Ivan Vassallo li jispiċċa bin-numru -1023.

Din il-varjazzjoni qed issir ai Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fit-28 ta' Mejju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-4 ta' Ġunju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Joseph Muscat, Konrad Mizzi, Keith Schembri, Clarence John Conger-Thompson, Christopher Spiteri, Jonathan Vella, David-Joseph Meli, IVAN VASSALLO, Mario Victor Gatt, Brian Bondin, Adrian Hillman, Pierre Sladden, Brian Tonna, Karl Cini, Sciacca Grill Limited, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, MTrace plc, Gateway Solutions Limited, Technoline Limited, Eurybates Limited, Taomac Limited, u Nexia BT Limited.

Illum 10 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

SCIACCA GRILL LIMITED;

KASCO ENGINEERING COMPANY LIMITED;

FSV LIMITED;

MTRACE PLC;

GATEWAY SOLUTIONS LIMITED;

TECHNOLINE LIMITED,

EURYBATES LIMITED;

TAOMAC LIMITED;

AND

NEXIA BT LIMITED;

The Court AUTHORISES IVAN VASSALLO to pay the Tax and Customs Administration the amount of four hundred and seventy-six euro (€476). This sum shall be paid from the bank account held with Bank of Valletta plc held in the name of Ivan Vassallo ending in -1023.

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 28th May, 2024, which was published in the Government Gazette on the 4th June, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Joseph Muscat, Konrad Mizzi, Keith Schembri, Clarence John Conger-Thompson, Christopher Spiteri, Jonathan Vella, David-Joseph Meli, IVAN VASSALLO, Mario Victor Gatt, Brian Bondin, Adrian Hillman, Pierre Sladden, Brian Tonna, Karl Cini, Sciacca Grill Limited, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, MTrace plc, Gateway Solutions Limited, Technoline Limited, Eurybates Limited, Taomac Limited, and Nexia BT Limited.

Today 10th July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1797

ARB/C057/2026 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala

ARB/C057/2026 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 22nd September, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta)

Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo, LLD). Kumpilazzjoni Numru 4542/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARIO CARUANA, ma' jaħdimx, ta' 46 sena, iben Angelo Caruana u Spiridione Caruana xebba Vella, imwieled Tal-Pietà, fit-27 ta' Diċembru, 1979, u resident fi 12, Triq Joe Attard, Żejtun u detentur ta' karta tal-identifikazzjoni Maltija bin-numru 22680M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil MARIO CARUANA sabiex ikompli jipperċepixxi u jirtira l-benefiċċji soċjali msemmija fir-rikors datat it-22 ta' Awwissu, 2025, mill-kont bankarju reġistrat f'isem MARIO CARUANA li jispiċċa bin numru -9313 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Monica Vella, LLD), fit-3 ta' April, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-5 ta' Ġunju, 2026, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MARIO CARUANA.

Illum 13 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Caroline Farrugia Frendo, LLD). Compilation Number 4542/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MARIO CARUANA, unemployed, 46 years, son of Angelo Caruana and Spiridione Caruana nèe Vella, born in Tal-Pietà, on the 27th December, 1979, and residing at 12, Triq Joe Attard, Żejtun, and holder of a Maltese identification document bearing number 22680M.

The Court AUTHORISED MARIO CARUANA to continue receiving and withdrawing the social benefits referred to in the application dated 22nd August, 2025, from the bank account registered in the name of MARIO CARUANA ending in -9313 and held with Bank of Valletta plc

This variation is being published in terms of Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Monica Vella, LLD) on the 3rd April, 2025, which was published in the Government Gazette on the 5th June, 2026, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MARIO CARUANA.

Today 13th July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1798

ARB/C038/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Leonard Caruana, LLD). Kumpilazzjoni Numru 346/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

CHARMAINE ZAMMIT;

RYAN FARRUGIA, ta' 31 sena, iben Stephen u Shirley-Maria xebba Grech, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-14 ta' Mejju, 1995, residenti fi 18, Shir Steph, Triq Nikol

ARB/C038/2021 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 3rd July, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Leonard Caruana, LLD). Compilation Number 346/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

CHARMAINE ZAMMIT;

RYAN FARRUGIA, 31 years, son of Stephen and Shirley-Maria née Grech, born in Pietà, Malta on the 14th May, 1995, residing at 18, Shir Steph, Triq Nikol

Baldacchino, Ħal Qormi, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 212295M.

U

SHIANNE ZAMMIT;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil RYAN FARRUGIA sabiex iħallas lil Elmo Insurance Limited is-somma li tirrappreżenta l-premium tal-polza tal-assigurazzjoni u l-liċenzja tat-triq fir-rigward tal-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat it-3 ta' Lulju, 2026, mill-kont bankarju reġistrat f'isem RYAN FARRUGIA u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Il-Qorti AWTORIZZAT ukoll lil RYAN FARRUGIA sabiex jagħmel kwalunkwe ħlas futur relatat mal-polza tal-assigurazzjoni u mal-liċenzja tat-triq fir-rigward tal-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat it-3 ta' Lulju, 2026, kull meta tali ħlasijiet isiru dovuti, mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppreżentat rikors kull darba li tali spejjeż isiru dovuti, bil-kundizzjoni li tali ammonti jitnaqqsu mill-ammonti annwalment perċepiti minn RYAN FARRUGIA. Fil-każ li l-vettura tinbidel, l-awtorizzazzjonijiet preżenti għandhom jieqfu ipso jure u RYAN FARRUGIA jkun meħtieġ jippreżenta rikors ġdid għall-varjazzjoni tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras, LLD), fil-11 ta' Ġunju, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-22 ta' Ġunju, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Charmaine Zammit, RYAN FARRUGIA, u Shianne Zammit.

Illum 13 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Baldacchino, Ħal Qormi, and holder of Maltese identity card bearing number 212295M.

AND

SHIANNE ZAMMIT;

The Court AUTHORISED RYAN FARRUGIA to pay Elmo Insurance Limited the amount representing the insurance premium and the road licence in connection with the vehicle mentioned in the Court decree dated 3rd July, 2026, from the bank account registered in the name of RYAN FARRUGIA and held with Bank of Valletta plc.

The Court further AUTHORISED RYAN FARRUGIA to effect any future payments relating to the insurance policy and the road licence in connection with the vehicle mentioned in the Court decree dated 3rd July, 2026, whenever such payments become due, without the need to submit an application each time such expenses become due, provided that such amounts shall be deducted from the sums annually received by RYAN FARRUGIA. Should the vehicle be replaced, the present authorisations shall cease ipso jure and RYAN FARRUGIA shall be required to file a fresh application for the variation of the Seizing and Freezing Order.

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras LL.D) on the 11th June, 2021, which was published in the Government Gazette on the 22nd June, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Charmaine Zammit, RYAN FARRUGIA, and Shianne Zammit.

Today 13th July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1799

ARB/C094/2021 – KANĊELLAZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Novembru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo, LLD). Kumpilazzjoni Numru 486/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

ARB/C094/2021 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 13th November, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Caroline Farrugia Frendo, LLD). Compilation Number 486/2021, in the case:

The Republic of Malta

Kontra

JONATHAN VELLA, impjegat, ta' 50 sena, iben Sebastian u Catherine xebba Vella, imwieled San Ġiljan, Malta, fil-15 ta' Ġunju, 1975, residenti f'Santa Marija, Triq P. Brydone, In-Naxxar, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 331175M.

Il-Qorti ORDNAT IL-KANĊELLAZZJONI tal-ordni tal-iffriżar maħruġa fuq l-assi ta' JONATHAN VELLA, liema ordni ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Claire Starface Zammit, LLD) permezz ta' digriet iddatat 7 ta' Diċembru, 2021, u li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta' December, 2021, u tiddeċiedi u tiddikjara li dan l-Ordni m'għadux fis-seħħ.

Din in-notifika qed tiġi ppubblikata ai termini tal-Artikolu 36 (4)(b)(iii) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 13 ta' Lulju, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Versus

JONATHAN VELLA, employed, 50 years, son of Sebastian and Catherine née Vella, born in St Julian's, Malta on the 15th June, 1975, residing at Santa Marija, Triq P. Brydone, Naxxar, and holder of Maltese identification card bearing number 331175M.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order issued on the assets of JONATHAN VELLA, which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Claire Starface Zammit, LLD) by a decree dated 7th December, 2021, which was duly published in the Government Gazette of the 14th December, 2021, and decides and declares that this Order is no longer in force.

This notice is being published in terms of Article 36 (4)(b)(iii) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Today 13th July, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

1800

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Mejju, 2026, fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1173/2016MH, fl-ismijiet Mario Cauchi et vs Tiziana Magrin et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront ta' Marianne Formosa.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Mario Cauchi (369162M) et vs Tiziana Magrin (0459784M), ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, 28 ta' Diċembru, 2016, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lill-Onorabbli Qorti sabiex togħġobha:

1. Tiddikjara illi l-intimati qegħdin abbużivament joħolqu servitujiet ġodda u jew qegħdin jaggravaw servitujiet eżistenti fuq il-fond 60, Iris, fi Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żabbar;

2. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju u taħt is-sorveljanza ta' perit nominandi, jagħlqu, ineħħu u/jew jagħmlu kull xogħol ieħor neċessarju sabiex ir-rikorrenti jiġu rintegrati fil-pussess oriġinali tagħhom tal-fond fuq imsemmi, inkluż billi jneħħu kull servitù ġdida u/jew agravata;

3. Tawtorizza lil rikorrenti, fl-inadempjenza tal-intimati, jagħmlu x-xogħlijiet fuq ordnati taħt id-direzzjoni ta' perit nominat u a ispejjeż tal-intimati;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 8th May, 2026, in the records of the Sworn application number 1173/2016MH, in the names Mario Cauchi et vs Tiziana Magrin et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of Marianne Formosa.

By means of an application in the names: Mario Cauchi (369162M) et vs Tiziana Magrin (0459784M), filed in the Civil Court, First Hall, 28th December, 2016, the applicants respectfully pray that this Honourable Court:

1. Declare that the respondents are abusively creating new servitudes and or are aggravating existing servitudes on the premises 60, Iris, in Triq Sant'Antnin, Ħaż-Żabbar;

2. Condemn the respondents so that within a short and peremptory period and under the supervision of a nominated architect, close, remove and/or carry out any other work necessary so that the applicants be integrated into their original possession of the premises above mentioned, including by removing any new and/or aggrieved servitude;

3. Authorise the applicants, in default of the respondents, to carry out the works ordered under the direction of a nominated architect and at the expense of the respondents;

4. Tiddikjara wkoll li ma għadx hemm ħtieġa għas-servitù tat-taraġ sovrastanti l-bitħa tal-esponenti u li preċedentement kien iwassal mill-fond tal-intimati sal-bejt;

4. Declare also that there is no longer any need for the service of the stairs overlying the courtyard of the applicants and that previously it used to lead from the premises of the respondents to the roof;

5. Konsegwentement, tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju u taħt is-sorveljanza ta' perit nominandi, ineħħu l-istess taraġ u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti jagħmlu x-xogħol neċessarju a spejjeż tal-intimati;

5. Consequently, order the respondents so that within a short and peremptory period and under the supervision of a nominated architect, they remove the same stairs and in default authorise the applicants to carry out the necessary works at the expense of the respondents;

6. Tiddikjara lill-intimati responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti bix-xogħlijiet li għamlu;

6. Declare the respondents responsible for the damages suffered by the applicants with the works they did;

7. Tillikwida l-istess ħsarat u tordna lill-intimati jħallsu s-somma hekk likwidata.

7. Liquidate the same damages and order the respondents to pay the sum so liquidated.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 4075/16 u bl-intimati minn issa inġunti in subizzjoni.

With costs including those of the judicial letter number 4075/16 and with the respondents from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1173/2016MH, fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għad-19 ta' Ottubru, 2026, fid-9.00 a.m.

The Sworn application number 1173/2016MH, in the names mentioned above is postponed to 19th October, 2026, at 9.00 a.m.

Notifika: Marianna Formosa, BLK D3, Flat 7, Triq il-Maskli, Ta' Xbiex

Notify: Marianna Formosa, BLK D3, Flat 7, Triq il-Maskli, Ta'Xbiex

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Lulju, 2026

Registry of the Superior Courts, today 13th July, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1801

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Frar, 2026, fl-atti ta' Rikors Ġuramentat numru 1204/2025FDP, fl-ismijiet: Luca Cacciattolo vs Jeanelle Seguna, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 24th February, 2026, in the records of Sworn application number 1204/2025FDP, in the names: Luca Cacciattolo vs Jeanelle Seguna, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Luca Cacciattolo (158498M) vs Jeanelle Seguna (299494M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-24 ta' Novembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of an application in the names: Luca Cacciattolo (158498M) vs Jeanelle Seguna (299494M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 24th November, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Tiddikjara lill-intimata Jeanelle Seguna unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku hawn fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab l-esponent;

1. Declare the respondent Jeanelle Seguna solely responsible for the car accident above described and for all the damages as a consequence of which the interpellant suffered;

2. Tillikwida d-danni kollha tal-esponent konsistenti f'damnum emergens, fi spejjeż rikorrenti, kif ukoll f'lucrum cessans naxxenti mid-diżabbiltà permanenti rikonstrata u aċċertata, occorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

2. Liquidate all the damages of the interpellant consisting in damnum emergens, in recurrent costs, as well as in a loss of profit resulting from the reconfirmed and ascertained permanent disability, if necessary by the appointment of an architect;

3. Tikkundanna lill-intimata Jeanelle Seguna sabiex iħallas lill-esponent dawk l-ammonti kollha li jiġu ddikjarati bħala dovuti minnu lill-esponent in linea ta’ danni.

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1204/2025FDP fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-15 ta’ Lulju, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Jeanelle Seguna (299494M), Ochio Rios, Flat 1, Triq il-Baqqunier, Il-Mosta, u/jew 1, ‘Gardina’, Triq il-Miklem Malti, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta’ Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Condemn the respondent Jeanelle Seguna to pay the applicant all those amounts that are declared as due by him to the applicant by way of damages.

With all costs and legal interests against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 1204/2025FDP in the names mentioned above is postponed for hearing to the 15th July, 2026, at 9.30 a.m.

Notification respondent: Jeanelle Seguna (299494M), Ochio Rios, Flat 1, Triq il-Baqqunier, Mosta, u/jew 1, ‘Gardina’, Triq il-Miklem Malti, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 13th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1802

B’digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali), fit-12 ta’ Marzu, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 29/2026DC, fl-ismijiet Alfred Pace Bellizzi vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-konvenuti.

Permezz ta’ rikors fl-ismijiet: Alfred Pace Bellizzi (1086844M) vs l-Avukat tal-Istat u Charmaine Attard née Bonnici Mallia (0703461M), Victoria Camilleri (693853M), John Bonnici Mallia (0866745M), Louisette Sant Manduca (326246M), Anna Meli Bugeja (0292049M), Simon Bonnici Mallia (4444851M), Michael Bonnici Mallia (476488M), u Margaret Bonnici Mallia (740656M), ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta’ Jannar, 2026, ir-rikorrenti Alfred Pace Bellizzi talab lil dina l-Onorabbli Qorti fil-veste tagħha Kostituzzjonali, tiddetermina, tikkjarifika, tikkonferma, tiddikjara u tordna illi:

a) L-Att numru XXIV tal-2021, 28 ta’ Mejju, 2021, tal-Liġijiet ta’ Malta, intiż li jemenda l-liġijiet relattivi għall-kirjiet residenzjali protetti, jikser, jivvjolixxi u jmur kontra l-provedimenti tal-Liġi Suprema tar-Repubblika ta’ Malta u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;

b) B’mod partikolari ġew leżi vjolentament id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Individwu mnaqqxa f’Kap. IV tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tar-Rikorrenti Inkwilin Alfred Pace Bellizzi;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 12th March, 2026, in the records of the Sworn application number 29/2026DC, in the names Alfred Pace Bellizzi vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the defendants.

By means of an application in the names: Alfred Pace Bellizzi (1086844M) vs State Advocate and Charmaine Attard née ‘Bonnici Mallia (0703461M), Victoria Camilleri (693853M), John Bonnici Mallia (0866745M), Louisette Sant Manduca (326246M), Anna Meli Bugeja (0292049M), Simon Bonnici Mallia (4444851M), Michael Bonnici Mallia (476488M), and Margaret Bonnici Mallia (740656M), filed in the Civil Court First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 27th January, 2026, the applicant Alfred Pace Bellizzi asked this Honourable Court in its Constitutional session, to determine, clarify, confirm, declare and order that:

a) Act number XXIV of 2021, 28th May, 2021, of the Laws of Malta, intended to amend the laws relative to protected residential leases, violate the provisions of the Supreme Law of the Republic of Malta and the European Convention Act;

b) In particular the Fundamental Rights and Freedoms of the individual enshrined in Cap. IV of the Constitution of Malta and in the First Schedule of the European Convention were violently violated against the applicant lessee Alfred Pace Bellizzi;

c) B'referenza għall-Kostituzzjoni ġew speċifikament miksura d-Drittijiet u Libertajiet tar-Rikorrenti Inkwilin a bażi ta' Artikolu 36, 38 u 45: l-Onorabbli Qorti għandha tikkonferma dawna l-vjolazzjonijiet u tagħti rimedji salvagwardanti u protettivi li-Rikorrenti Inkwilin;

d) Fir-rigward tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, id-drittijiet u libertajiet fundamentali tar-Rikorrenti Inkwilin ġew miksura fl-inkwadratura tal-Ewwel Skeda – Artikolu 8, 13 u 14;

e) L-Onorabbli Qorti hija mitluba li tagħti rimedji effettivi għal dawn it-Talbiet tar-Rikorrenti Esponenti konsiderando l-età, il-pożizzjoni u s-sitwazzjoni tar-Rikorrenti, u d-diversi diżabbiltajiet ta' saħħa illi għandu awmentati minħabba l-fraġilità tal-età;

f) Illi r-Rikorrenti Esponenti Inkwilin ma għandux ibati ebda forma ta' spejjeż ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 29/2026DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-5 ta' Ottubru, 2026, fil-11.30 a.m.

Notifika: Charmaine Attard née Bonnici Mallia et, 226, Apartment No. 4, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Lulju, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

c) With reference to the Constitution the rights and freedoms of the applicant lessee were specifically violated on the basis of Articles 36, 38 and 45: the Honourable Court should confirm these violations and give safeguard and protective remedies to the applicant lessee;

d) As regards Cap. 319 of the Laws of Malta, the fundamental rights and freedoms of the applicant lessee were violated within the framework of the First Schedule – Articles 8, 13 and 14;

e) The Honourable Court is asked to give effective remedies for these demands of the applicant applicants considering the age, position and situation of the applicant, and the various health disabilities which it has augmented due to age fragility;

f) That the applicant applicant lessee should not submit any form of judicial and extrajudicial expenses.

The Sworn application number 29/2026DC in the names mentioned above is postponed to the 5th October, 2026, at 11.30 a.m.

Notification: Charmaine Attard née Bonnici Mallia et, 226, Apartment No. 4, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 10th July, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1803

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 369/2026MS, fl-ismijiet: Gordon Camilleri noe vs Alison Kayleigh Vella, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala konfront tal-konvenuta.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Gordon Camilleri (KI 467976M) noe vs Alison Kayleigh Vella (KI 0037885A) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' April, 2026, l-intamata għalhekk tgħid 'il għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna għar-raġunijiet hawn fuq premessi l-iżgumbrament tal-intimata mill-proprjetà u tipprefiġġi żmien qasir u perentorju li fih l-intimata għandha tivvaka mill-istess proprjetà.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata, li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni oħra

